CARMELITE INSTITUTE MALTA

# *Il-Prof. P. Anastasju Cuschieri, O.Carm.*

## *Ħarsa mill-ġdid lejn Ħajtu, Twemminu u l-Versi Tiegħu*

Esej Kritiku u Lista tal-Poeżiji Miġbura

CHARLÒ CAMILLERI – TONI CORTIS

CARMELITE INSTITUTE MALTA

# *Il-Prof. P. Anastasju Cuschieri, O.Carm.*

## *Ħarsa mill-ġdid lejn Ħajtu, Twemminu u l-Versi Tiegħu*

Esej Kritiku u Lista tal-Poeżiji Miġbura

CHARLÒ CAMILLERI – TONI CORTIS

CamScanner

Drittijiet ©: Provinċja Karmelitana Maltija
Disinn tal-qoxra u ssettjar: Stefan Attard
Reviżjoni ortografika: Olvin Vella
Stampar: BestPrint

CamScanner



CamScanner

# Taqsiriet

| | |
|---|---|
| A.Bartoli | A. BARTOLI, *Sophronia. Carmen Alefridi Bartoli melitensis civis pistoriensis et grossetani in certamine poetico hoeufftiano magna laude ornatum*, Amstelodami: Apud Io. Mullerum, MCMXV. |
| AP | *L-Anġlu tal-Paċi* |
| A.Prov. | *Arkivju tal-Provinċja Karmelitana Maltija* |
| Cus | *Cuschieri: Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija. Ġabra ta' Poeżiji*, Serafin Abela (ed.) b'introduzzjoni tal-Prof. Ġużè Aquilina u bi studju ta' Alfred Degabriele, Malta: Lux Press, 1976. |
| ĠW | *Ġabra ta' Ward* 1-4 |
| Ġ | *Ġaban* |
| Ħ | *Il-Ħabib* |
| ĦA | *Il-Ħabbâr ta' Sant'Antnin* |
| MLT | *Il-Malti* |
| K | *Il-Karmelu* |
| Koll.A.Degab. | *Kollezzjoni Alfred Degabriele* |
| LS | *Leben is-Sewwa* |
| MC | *Il Monte Carmelo* |
| MMQĠ | *Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù* |
| RK | *Ir-Reġina tal-Karmelu* |
| RC | *Rose del Carmelo* |
| RM | *Rosa Melitensis* |
| SĠ | *San Ġużepp* |
| SMSSC | *Il Santuario di Maria S.S. di Campiglione* |
| SR | *Santa Rita* |
| STBĠ | *Santa Tereża tal-Bambin Ġesù* |
| WQM | P.P. SAYDON – Ġ. AQUILINA, *Ward ta' Qari Malti*, I-II, Malta: The Empire Press, 1936/1937. |
| PM | O. F. TENCAJOLI, *Poeti Maltesi d'oggi*, Roma: Angelo Signorelli, 1932. |

CS CamScanner

*Ebda poeta Malti, nahseb, ma kiteb hekk tajjeb u sabih fuq il-Madonna u l-Ilsien Malti daqs Cuschieri [...]. Maż-żmien il-poeżiji ta' Cuschieri [...] qajmu ghagha ta' heġġa kbira fost il-kittieba tal-Malti li ghal xi ftit kienu nsew il-versi ta' kull poeta iehor. Il-versi bil-Malti ta' Cuschieri dlonk dehru bhala l-isbah mudelli ta' poeżiji letterarji fil-kotba tal-Qari ghat-tfal tal-Iskejjel Sekondarji u ghall-istudenti tal-Università ma' poeżiji ohra.*[1]



CamScanner

Il-ġudizzju ta' Ninu Cremona fuq il-poeżija tal-Prof. P. Anastasju Cuschieri, Karmelitan, huwa wieħed mill-ħafna ilħna jgħajjtu fid-deżert, li jiġbdulna l-attenzjoni għall-apprezzament tal-wirt li Cuschieri ħalla lil pajjiżu. Cremona fil-fatt ikompli jistqarr li Cuschieri dejjem kiteb dwar żewġ suġġetti li qalbu "kienet marbuta magħhom: Il-Madonna u l-Ilsien Malti".[2] Ġużè Aquilina jasal biex jistqarr li ma ssibx fil-letteratura Maltija imħabba akbar għall-ilsien Malti milli ssib fil-poeżija ta' Cuschieri.[3] Minkejja dan, iżda, b'xorti ħażina, – aqtà għal xi ftit studjużi li minn żmien għal ieħor jippubblikaw xi studju dwaru – il-Professur Cuschieri għadu mhuwiex apprezzat u studjat kemm jistħoqqlu u jixraqlu.[4] Forsi parti mill-ħtija – jekk nistgħu insejħulha hekk – hija tiegħu wkoll, l-għaliex huwa rari ffirma b'ismu taħt il-poeżiji u l-kitbiet tiegħu. Cuschieri kien jinħeba taħt in-*nom-de-plume*... u mhux wieħed imma diversi u varjati.[5] Ġieli wkoll lanqas kien iħabbel rasu li jiffirma. Barra minn hekk, kif jinnota tajjeb P. Serafin Abela "Cuschieri ma ħalla l-ebda kollezzjoni tal-poeżiji tiegħu, lanqas għall-użu personali, l-ebda 'file' jew index inkella xi nota".[6] Naturalment dan jagħmel il-ġabra tal-kitbiet tiegħu biċċa xogħol diffiċli u għaldaqstant wieħed qatt ma jista' jkun ċert li l-kitbiet u l-poeżiji tiegħu huma kollha miġbura.

Cuschieri ma kitibx biss poeżiji, imma wkoll studji akkademiċi ta' natura filosofika, storika u lingwistika. Huwa kien jaħseb ukoll biex jeduka l-poplu bil-kitba bil-Malti f'forma ta' artikli li kienu jittrattaw diversi temi, stejjer, ħajjiet ta' qaddisin u persunaġġi tal-letteratura. Mhux ta' min iħalli barra hawnhekk il-fatt li Cuschieri beda jikteb il-proża bil-Malti qabel il-poeżija. Diġà fl-1907 insibu mitbugħa *Ħajja ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Karmnitana* li ġġib in-*nom de plume* ta' *Patri Karmnitan*. Jekk inqisu li Cuschieri beda jikteb il-poeżija bil-Malti qabel Dun Karm, fl-1909, din il-bijografija ta' sentejn qabel titfa' dawl fuq l-interess ta' Cuschieri fl-ilsien Malti iktar lura fis-snin.

L-istil tal-kitba f'din il-bijografija huwa wieħed imqanqal, retoriku u jikxef l-għan li għalih inkiteb, jiġifieri dak li tqanqal id-devozzjoni fil-qalb tal-qarrejja, hekk kif jistqarr l-awtur innifsu fid-daħla tal-ktieb: "biex jiena nixgħel fil-qlub ta' ħuti l-Maltin id-devozzjoni lejn Santa Maria Maddalena de' Pazzi għaliex naf

ben tajjeb li din id-devozzjoni tkun ta' ġid kbir għas-saħħa ta' ruħna".[7] Ma' dawn jiżdiedu d-diskorsi li kien ikun mistieden jagħti waqt attivitajiet akkademiċi, reliġjużi, kulturali u politiċi.

It-tifkira tal-ħamsin sena mill-mewt ta' dan il-persunaġġ interessanti li ħalla marka fl-istorja mqallba ta' pajjiżna fl-aħħar tas-seklu dsatax u fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, xprunatna biex nieħdu din l-okkażjoni tad-deheb ħalli nidħlu aktar fil-fond fl-għarfien tal-persuna paradossali u kumplessa tal-Professur Cuschieri u l-wirt storiku u estetiku li ħalla lill-ġenerazzjonijiet ta' warajh.

> Anastasju Cuschieri ħaddem il-filosofija mhux biss fix-xogħlijiet artistiċi iżda wkoll fil-prinċipji poetiċi u estetiċi li kien iħaddan. Bħala bniedem li kien jaf sewwa t-teorija filosofika, applikaha għall-qasam letterarju kif jidher minn diversi artikli. Il-kitbiet teoretiċi letterarji juru kemm Cuschieri kien konxju tas-sitwazzjoni letterarja ta' żmienu kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa.[8]

Fejn tidħol il-poeżija, Cuschieri bħal donnu jinża' l-elaborazzjoni u t-toqol filosofiku ta' kitbietu u ħsibijietu u "jissimplifika kulma' hu mħabbel, jirriduċi għall-minimu l-ħażna spiritwali u intellettwali kollha."[9] Bħala poeta, Cuschieri bena fuq is-sisien imqiegħdha minn Ġużè Muscat Azzopardi. Huwa mhux talli kien ħolqa oħra li tgħaqqad dak li diġà kien hemm ma' dak li kellu jiġi wara, iżda kien ġawhra fih innifsu.[10] Għalih il-Malti ma kienx biss tajjeb għal xi taqbila, imma għal iktar minn hekk, tant li fil-prosodija huwa jazzarda jmur lil hemm minn dak li bnew ta' qablu.[11]

Mhux l-għan tagħna hawnhekk li nagħtu analiżi kritika tal-poeżija ta' Cuschieri. L-iskop ta' din il-kitba huwa li jkun hawn lista aġġornata u kemm jista' jkun sħiħa tal-poeżiji ta' Cuschieri. It-tfassil ta' din il-lista huwa, fejn tidħol il-poeżija, l-ewwel pass fit-twettiq tal-ħolma li noħorġu l-edizzjoni kritika tal-kitbiet miġbura tal-Professur Cuschieri, kitbiet li jinkludu naturalment il-poeżiji bil-Malti, bit-Taljan kif ukoll bil-Latin. Ix-xogħol tal-ġabra poetika jibni fuq ir-riċerka u l-istudju tal-Professur Ġużè Aquilina, tas-Sur Alfred



CamScanner

Degabriele u ta' P. Serafin Abela, mitbugħ f'żewġ edizzjonijiet tal-ġabra ta' poeżiji.[12] Madanakollu għażilna li nkomplu r-riċerka billi nerġgħu induru s-sorsi kkwotati u nfittxu u nqallbu kull fejn stajna, sabiex naraw insibux iktar poeżiji ta' Cuschieri. Fil-fatt ir-riċerka tat il-frott mixtieq għaliex instabu iktar poeżiji kemm bil-Malti, bil-Latin kif ukoll bit-Taljan u li huma mniżżlin hawnhekk f'ordni kronoloġiku skont is-sena li fiha nkitbu u ġew ippubblikati. Ma' kull poeżija hemm ir-riferenza fejn dehret ippubblikata l-ewwel darba u fejn kien possibbli tajna wkoll id-data tal-kompożizzjoni. Ir-riċerka wrietna wkoll li l-poeżija *Jekk lil tmiemek trid tagħti ftit serħ* li dehret f' *Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù* fl-1932[13] mhijiex ta' Cuschieri imma ta' Karmenu Vassallo, li f'*Għażiż Karmenu* jistqarr:

> Il-poeżija *Jekk lil tmiemek trid tagħti ftit serħ* mitbugħa fil-ħarġa ta' Awwissu 1932 tal-*Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù* bi 3 asteriski wara xulxin (***) flok isem min kitibha, hija traduzzjoni li kont għamilt jien tal-poeżija bit-Taljan, *La Croce*, ta' P.P. Parzanese 1810-52. Bi żball u b'nuqqas ta' tiftix meħtieġ din il-poeżija insibuha miġbura u mitbugħa ma' oħrajn fil-ktieb *Cuschieri. Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija* (1967), pp 107-108 bħallikieku kienet waħda mill-poeżiji oriġinali ta' P. Anastasju Cuschieri, O.C. waqt li mhix.[14]

Naturalment, waħedha tberren f'moħħna l-kwistjoni jekk hemmx iktar każijiet ta' żbalji bħal dan fl-attribuzzjoni tal-poeżiji u kitbiet iffirmati bil-psewdonimu *** lil Cuschieri. Mangion diġà jikkummenta li fil-ġabra tal-poeżiji "l-kompilaturi ma semmewx liema kienu l-kriterji li wassluhom biex identifikaw dawn in-*noms-de-plume* ma' Cuschieri".[15] Biex tkompli tagħqad, xi psewdonimi jixbhu lil dawk ta' awturi oħra u huma użati minn Cuschieri f'rivisti partikolari iżda mhux f'oħrajn. Għaldaqstant aħna mxejna b'dan il-mod li ġej.

Rigward il-kitbiet iffirmati bil-psewdonimi *, **, ***, *A. Stersco* (*), *ACus*, hemm diversi xhieda miktuba dwar Cuschieri u kitbietu.[16] Fil-psewdonimi marbutin mal-Ordni Karmelitan, kien faċli li wieħed jara taħthom il-pinna ta' Cuschieri għax kien jużahom f'*Ir-Reġina tal-Karmelu*, rivista li mhux biss kien direttur tagħha, imma

hu biss kien jikteb fiha taħt diversi psewdonimi, b'eċċezzjoni ta' kittieba oħra li dejjem iffirmaw kitbiethom, u meta użaw psewdonimu, ġeneralment kitbu l-inizjali ta' isimhom u kunjomhom. F'dawn il-każijiet l-użu tal-psewdonimu kien wieħed prattiku, biex ma jkunx daqshekk evidenti li diversi kontribuzzjonijiet fl-istess ħarġa ħarġu mill-istess pinna. Il-psewdonimu P.A.C. f'rivisti barranin bħal *Il Monte Carmelo* nafu li ntuża minn Cuschieri għax fil-ħarġa ta' Lulju 1915 l-awtur bagħat aħbar dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu fis-Santwarju tal-Belt Valletta. Għaldaqstant kien faċli tara taħthom il-firma: *P. Anastasju Cuschieri*. L-istess jingħad għal reċensjoni ta' ktieb mitbugħ minn Benedictus Zimmerman, storiku rispettat u magħruf, li dehret fil-ħarġa ta' April 1929 tal-istess rivista. Hawnhekk ukoll Cuschieri ffirma bil-psewdonimu P.A.C. Il-fatt magħruf fl-Ordni li Cuschieri kien kritiku aħrax tal-kitbiet u l-fehmiet ta' P. Benedict Zimmerman, Karmelitan Skalz u kemm-il darba daħal f'konfront miegħu fuq kwestjonijiet storiċi, jkompli jsaħħaħ l-attribuzzjoni ta' dan il-psewdonimu għal Cuschieri.[17] Tajjeb insemmu li sibna psewdonimi oħra li daħħluna f'dubju hemmx warajhom il-persuna ta' Cuschieri. Hawnhekk insemmu P.C. u A.C. L-ewwel wieħed, P.C., li jista' jinftiehem *P. Cuschieri*, sibnieh f'*Il Monte Carmelo* u fir-*Rivista Storica Carmelitana*. Aħna u nqallbu fil-volumi kollha tar-rivisti sibna li dan il-psewdonimu jista' jkun li kien użat minn Paolo Caioli, O.Carm. It-tieni wieħed, A.C., sibnieh kemm f'*Il-Ħabib* u kemm f'*Il Monte Carmelo*. Biex inneħħu kull dubju ħadna nota u żammejna amment ta' psewdonimi simili u rajna fl-istess rivisti jew gazzetti hemmx isem ieħor li jista' jaqa' taħt dan il-psewdonimu. Fil-każ ta' *Il Monte Carmelo* innutajna li ċertu Adolfo Cellini, meta jikkontribwixxi iktar minn artiklu wieħed fl-istess ħarġa kien jiffirma b'dan in-*nom de plume*. Fil-każ ta' *Il-Ħabib*, nafu li Ninu Cremona kien jiffirma A.C. u xi drabi wkoll ***. Għaldaqstant, f'dan il-każ ukoll, kellna nikkonfrontaw it-testi dubjużi mal-kitbiet ta' Cremona biex naraw min hu l-awtur.[18] F'dan il-każ il-probabilità li nkunu ċerti kienet kbira minħabba li Cremona ppubblika hu nnifsu kitbietu.

Għadd mhux ħażin ta' poeżiji la jġibu d-data tal-pubblikazzjoni u wisq inqas tal-kompożizzjoni. Għal dawk il-poeżiji li ma aħniex ċerti mija fil-mija li huma tiegħu indikajniehom bħala attribwiti. Dawn tal-aħħar

għażilna xorta li ninkluduhom billi qgħadna fuq il-kriterji stilistiċi u tematiċi li Mangion jagħti biex tingħaraf il-kitba ta' Cuschieri.[19] Għażilna li ninkludu dawn il-poeżiji mhux biex nagħtu ġudizzju aħħari fuq min hu l-awtur tagħhom iżda biex nagħmluha eħfef għal min jinteressah li jistudja lil Cuschieri u l-poeżija tiegħu. Naturalment, ma jidhrilniex li din hija l-aħħar kelma fuq l-attribuzzjoni tal-kitbiet lil Cuschieri. 'Il quddiem ir-riċerka taf turi mod ieħor jew tapprofondixxi u tikkonferma dak li nafu s'issa. Bla tlaqliq ngħidu li l-istudju ta' Cuschieri u kitbietu għadu jrid jibda! Żgur li jonqos fil-fatt studju li jħares b'mod sħiħ lejn il-bniedem, il-poeta, il-filosfu, il-professur, il-Karmelitan, l-oratur u l-politiku li kien Cuschieri. Fil-fehma tagħna, il-personalità kumplessa ta' P. Anastasju ma tistax tinftiehem sewwa jekk l-istudji dwaru jibqgħu jifirdu l-oqsma diversi li jsawru l-personalità tiegħu.

Ma' dan insemmu wkoll il-ħtieġa ta' studju stilistiku ta' testi ffirmati b'*noms-de-plume* li ma għandniex ċertezza dwarhom. Studju ta' dan it-tip kien bdieh Joseph Mangion u sfortunatament waqaf ħesrem minħabba d-diżgrazzja tal-mewt traġika tiegħu f'età żagħżugħa. Mingħajr biża' li nonqsu mir-rispett lejn min s'issa nteressa ruħu f'Cuschieri u f'kitbietu, nistqarru li "l-ġenju tiegħu"[20] għad irid jiġi studjat sewwa, mhux biss fih innifsu, imma wkoll sabiex issir ġustizzja ma' dan "il-bniedem li ta ħajtu u ħiltu kollha għall-proxxmu tiegħu, bniedem li ismu jrid jinżel fl-istorja tal-aqwa fost ulied Malta bħala predikatur, kittieb u professur".[21]

Dan ma aħniex intennuh b'sens ta' superjorità jew polemika, iżda għax il-Professur Cuschieri, mhux talli matul il-medda ta' 50 sena kważi ntesa għal kollox – minkejja li f'kull anniversarju jiġi mfakkar u minkejja li xi poeżiji tiegħu għadhom jiġu studjati fl-iskejjel – iżda wkoll għax matul iż-żmien nibtu ideat żbaljati dwaru, dwar kitbietu u dwar l-ideali politiċi u soċjali tiegħu. Ir-riċerka qed turina li wkoll dawk li lil Cuschieri studjawh u qegħdin jistudjawh, ħafna drabi u speċjalment fejn jidħol l-impenn politiku tiegħu, jonqsu mill-oġġettività għax jinterpretawh mil-lenti u l-emmna tagħhom. Hawnhekk se nagħtu xi eżempji.

Hija l-fehma ta' x'uħud li l-imħabba li kellu lejn it-Taljan, ġiegħlet lil Cuschieri jibdel fehmtu dwar l-ilsien Malti.[22] Cuschieri kien jemmen, bħal Vassalli, li l-identità nazzjonali tissaħħaħ bil-ħarsien tal-ilsien

nazzjonali. Madanakollu, kif ifiehem tajjeb il-mibki Joseph Mangion, studjuż ta' Cuschieri, huwa "ma kienx jemmen fl-assolutiżmu ta' xi 'Malta Maltija', għax kien jaf li bħala bniedem hu kien ċittadin ta' pajjiż ferm usa'."[23] Dan jagħmel minn Cuschieri figura attwali ħafna f'dinja globalizzata, fejn aħna sirna iktar konxji li pajjiżna mhuwiex biss in-nazzjon imma d-dinja. Għalhekk Cuschieri "ried li Malta tistabilixxi ruħha fil-kultura u fil-politika ta' pajjiżi oħra għax għaraf li fl-iżolament m'hemmx identità iżda qerda".[24]

Dan il-ħsieb Cuschieri ġabu mill-kultura u t-tradizzjoni tar-*Risorgimento* Taljan, u hawnhekk tinftiehem ix-xewqa tiegħu li Malta teħles mill-kultura u t-tradizzjoni kolonjali Ingliża li trid jew ma tridx hija forma ta' ħakma u jasar fuq diversi livelli. Għandna diversi xhieda ta' dan il-ħsieb, fosthom l-*Istqarrija Personali* li Cuschieri nnifsu jagħmel fis-Senat nhar it-28 ta' Diċembru 1923.[25] Hawnhekk Cuschieri jgiddeb il-kalunnja li wieħed irid iżomm l-ilsien Taljan bħala lsien tal-kultura bi skuża biex Malta ddawwar il-lealtà politika tagħha mill-Ingilterra għall-Italja. Cuschieri jgħid li akkost li jkun politiku ħażin imma patrijotta tajjeb, juri li politiku ta' kuxjenza għandu jaħdem għall-ġid ta' pajjiżu u mhux biex jaspira "alla annessione di Malta ad un'altra potenza".[26]

Insemmu wkoll hawnhekk id-diskors fil-festa tal-Bambina nhar it-8 ta' Settembru 1921, fis-sena tal-inkurunazzjoni. Cuschieri jsemmi direttament "ir-risorġiment ta' artna" u jsejjaħ lil Malta "omm tagħna lkoll" biex tqum fuq saqajha. Iżda waqt li juri l-periklu li l-imħabba lejn artna tista' twassal lil xi wħud biex ma jarawx "lil din il-gżira fil-qagħda vera tagħha" juri li ma għandniex għalfejn inħossuna nferjuri għax aħna ma aħniex bħall-ħakkiema li mponew lilhom infushom u jassru nazzjonijiet maħkuma minnhom.[27]

Jekk wieħed ma jifhimx dan il-punt fundamentali f'Cuschieri, jasal biex jinterpretah ħażin u jħares lejh bħala partiġġjan – fis-sens negattiv li għandha llum din il-kelma – Nazzjonalista li ried jibdel il-kultura Maltija f'dik Taljana. Dan il-punt fundamentali f'Cuschieri jkompli jissaħħaħ bil-fatt li f'ittra personali lil ħabibu tal-qalb, P. Hubertus Driessen, O.Carm., Olandiż li kien miegħu Ruma waqt l-istudju tal-Filosofija, jistqarr fil-kuntest tal-votazzjoni għall-għażla ta' Ġeneral ġdid fl-Ordni Karmelitan li t-Taljani mhumiex

ta' min jafdahom u li tkun daqqa ta' ħarta għall-Ordni jekk dan jaqa' f'idejn Taljani! Issa fuq dan nistgħu nargumentaw, b'mod loġiku, li dak li Cuschieri ma riedx għall-Ordni tiegħu internazzjonali, lanqas ma kien se jridu u jaħdem għalih fil-kuntest politiku Malti![28] L-istess jista' jingħad dwar l-interpretazzjoni li qiegħdha tingħata lill-kelma "partiġġjan" ma' Cuschieri. Fi żmienu din kienet aktarx tindika persuna li għandha twemmin politiku partikulari u mhux biss persuna li tara f'kollox u dejjem il-kulur u t-twemmin politiku tagħha biss. U hawn tajjeb li nsemmu dak li qed jinkiteb reċentement dwar li Cuschieri kien miżmum internat il-Kunvent tal-Karmnu l-Belt u mkeċċi mill-Università mill-Ingliżi minħabba t-twemmin politiku tiegħu.[29] Sa fejn nafu aħna din l-informazzjoni mhijiex sostnuta la b'dokumentazzjoni u lanqas bix-xhieda ta' dawk il-patrijiet li jafu lil Cuschieri personalment għax għexu miegħu fl-istess kunvent.

Minbarra l-ħsieb risorġimentali, l-imħabba lejn l-ilsien u l-kultura Taljana f'Cuschieri tinftiehem u għaldaqstant ma għandniex għalfejn inlumuh għaliha meta nżommu quddiem għajnejna li l-ilsien Taljan kien dak li bih huwa, flimkien ma'oħrajn bħalu, irċieva il-formazzjoni, l-edukazzjoni u l-ftuħ għall-kultura Klassika u Latina. Fil-fatt, għall-poeti "qawwijin" bħal Cuschieri u Dun Karm, il-poeżija bit-Taljan offriet "taħriġ ta' teknika u ħmira ta' ideat".[30] Barra minn hekk, l-ilsien Taljan kien sinonimu mal-identità Kattolika waqt li d-dħul tal-Ingliż kien sinonimu mal-Protestantiżmu, apparti l-mentalità kolonjali. Li f'Cuschieri hemm din il-kumplessità tal-ħsieb u l-fehma jidher mill-artikli mitbugħa minnu f'*Ir-Reġina tal-Karmelu* dwar il-*Qerq tal-Protestanti* u wkoll minn traduzzjonijiet ta' testi bibliċi bil-Malti li hu kien jippubblika minn żmien għal żmien sabiex jeduka l-poplu.

Tkompli ssaħħaħna fil-fehma tagħna dwar dan l-aspett f'Cuschieri silta "meħuda minn fuq il-*Gazzetta di Malta*" tat-12 ta' Mejju 1914 li Cuschieri ppubblika f'*Il-Ħabib* bl-isem *L-Istorja tal-Lingwa*. Huwa jieħu l-każ tal-lingwa Albaniża li kienet għadha kemm ġiet magħrufa mill-Gvern Albaniż bħala l-lingwa uffiċjali. Cuschieri juża din is-silta biex indirettament juri fehmtu fuq il-kwistjoni tal-ilsien f'Malta. L-argumenti ewlenin fit-test ikkwotat huma dawn l-erbgħa:

1. “Sa mill-bidu [...] il-lingwa Albaniża ma kenitx mietet, imma kienet magħduda mal-lingwi mżebilħin li jitħaddtu bihom ir-rgħajja u l-bdiewa biss”
2. “Is-Sultan Abdul Ħamid, issa mkecci mit-tron, kien hekk iġibhom ’l-Albaniżi, li saħansitra lilhom kien irid biex jindukrawh, u minn ebda ħaġa ma kien iċaħħadhom: iżda ma kienx iħallihom jistudjaw u jiktbu bil-lingwa tagħhom. Jekk xi Albaniż kien juri ftit tal-għira għal-lingwa t’ommu, kien ikun biżżejjed biex il-kapijiet Torok jitħassbu ħażin fuqu u miskin hu
3. “Fl-Albaniji t’isfel l-Isqfijiet u l-qassisin xiżmatiċi, kollhom ħrara għall-Griegi u għall-ħwejjeġ tagħhom, kienu jduru għal-lingwa Albaniża biex jeqirduha”
4. “Il-Griegi, li huma Kattoliċi, kienu jistgħu jistudjaw l-Albaniż għal rajhom: hemm kienu jgħallmuh fl-iskejjel tal-missjonijiet u l-qassisin Kattoliċi, li bosta minnhom kienu ta’ nisel Albaniż, kienu jinqdew bih għat-tagħlim tad-duttrina, biex jippritkaw u biex joħorġu kotba ta’ talb u kant bl-Albaniż. Għal żmien twil, bil-kotba tal-Knisja biss, li kienu joħorġu kotba ta’ talb u kant bl-Albaniż”[31]

Cuschieri jagħlaq is-silta b’dan il-kumment: “Bla żieda u kliem ieħor!” u hekk bil-pulit iwassal il-messaġġ tiegħu, li jinftiehem iktar ċar jekk nagħmlu traspożizzjoni tal-Albaniż / Malti; Sultan Islamiku / Re Ingliż; Isqfijiet u qassisin xiżmatiċi / Anglikaniżmu Protestant; Griegi Kattoliċi / Taljani Kattoliċi; Qassisin Kattoliċi Albaniżi / Qassisin Kattoliċi Maltin! Li Cuschieri kellu għal qalbu l-ilsien Malti u “għira għal-lingwa t’ommu” jixhdu C. Sant fil-poeżija *Il-Kelma Maltija* bid-dedika “Lill-Professur P. A. Cuschieri ħabib għażiż tiegħi, b’qalbi kollha”.[32] F’din il-poeżija, Sant jirrakkonta bi ħlewwa liema bħala kif Cuschieri daħal fil-klassi meta hu kien qed jgħallem “lit-tfal tal-bdiewa” u tgħaxxaq bihom u feraħ bih li kien qed jgħallimhom l-ilsien Malti! Fil-klassi Cuschieri xtaq jismagħhom jitkellmu bil-Malti safi imma t-tfal impressjonaw ruħhom biċ-ċoqqa tiegħu u ma tniffsux! Għalhekk, Sant, bħala għalliem u ħabib jikteb din il-poeżija u juża fiha l-Malti tal-bdiewa – li tgħallem mingħand it-tfal – sabiex jaqta’ xewqet Cuschieri:

Ħabib tiftakar meta ġejt għandi?
Għadni niftakar, daqs kieku lbieraħ;
ma nafx x'jum kien u lanqas x'ġimgħa,
biss naf li kien f'tas-sajf il-qiegħagħ.

Kont sibtni ngħallem lit-tfal tal-bdiewa;
int tgħaxxaqt bihom u fraħt wisq bija:
Għidtli: – Kellimhom biex huma jwieġbu,
ħal nisma' l-kelma safja Maltija.

Xtaqt tisma' l-Malti jitkellmuh huma,
'ma dawn qatt lilek ma kienu raw,
ta' tfal li huma, ma kenux wieġbu;
rawk b'dik iċ-ċoqqa u minnek stħaw.

Issa, b'li jiena għamiltha magħhom,
u naf li l-Malti int tħobb bla ħjiena
u le ma smajtu m'n ulied il-bdiewa,
naqtagħlek xewqtek, ngħidlek jiena.

- Żeppi dalgħodu ma setax jiġi,
mar ma' missieri jgħaddi l-ħitan;
U ommi qaltli ngħidlek iżżommu
minflok dalgħodu, jekk jiġi amman.

Oħra ftit iżgħar qaltli: - Missieri
qalli biex ngħidlek li għada jien
ma nistax niġi, għax minn sebħ Alla
irridu mmorru f'ta taħt l-Għerien.

Darb'oħra tifel ta' ħdax il-sena,
f'waqt li qed ngħidlu li l-art għatxana,
- fi Lbiċ il-beraq (qal) qed iserrep;
Jekk Alla jamar, ix-xita magħna.

U qabeż wieħed, li kien maġenbu,
qal:- Din is-sena mhix bħal amlewwel
u, f'ħajjet Alla, jekk tmur fuq ġiebja,
fis-satal ilma lill-baqra tnewwel.

Darba, waħda oħra, qed nistaqsiha :-
Fejn tarfa' l-kotba, kemm huma ndaf? -
Qaltli:- Nerfagħhom ġewwa r-rewwieħa;
ħadd minnhom ħuti bihom ma jaf.

U, mela, darba taħt ħajt kont qiegħed
nisma' jitkellmu raġel u mara;
Hija bl-imgħażqa l-ħtub qed twitti,
hu b'dik il-lajma jaħrat bil-ħmara.

- Xejn, xejn, ma f'għajni (qallha) mit-titla;
kemm qed naraha issa mnewwija.
- Pepp, (qaltlu) lisgħab sa timrad darba
priklu li tibqa' dik marradija.

- Il-barka fir-ruħ! (qabeż qalilha)
inti għax jiesek hekk malajr taqta'?
Agħmlilha ġbara, leflifha tajjeb,
u mhux tisjir, itmagħha baqta.

- Jien kont ħsibt moqbejl, malli nillestu,
niddi l-imgħażqa, l-imleff inġib,
inxiddu l-ħmara, qajl qajl immorru,
biċ-ċeklem ċeklem għand it-tabib.[33]

U hawnhekk tajjeb li nsemmu, mingħajr ma nidħlu f'ħafna dettalji – għax mhux il-waqt li nagħmlu dan – li Cuschieri dejjem kellu f'qalbu mħabba għall-klassijiet meqjusin baxxi jew illitterati tas-soċjetà Maltija ta' żmienu. Dan jidher l-aktar fis-sensibilità soċjali li huwa kellu u li tinħass qawwija pereżempju fid-diskors għall-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Goffredo Lubrano fl-Isla. F'din l-okkażjoni Cuschieri jieħu l-opportunità biex b'finezza retorika u diplomatika jikkritika l-periklu li wieħed iħares lejn il-ministeru saċerdotali bħala status għoli fuq l-oħrajn, u jiftaħ kritika ħarxa għal min hu moħħu magħluq fil-ħolm tal-glorji tal-imgħoddi u għajnejh magħluqa għall-faqar soċjali, morali u reliġjuż ta' madwaru.[34]

Din is-sensibilità tiegħu tidher ukoll f'xi xeni tal-poeżija tiegħu fejn jidħol il-faqar ta' Nazaret u l-osservazzjoni tal-ħajja taċ-ċittadin sempliċi. Dawn l-elementi jidhru pereżempju f'poeżiji bħal *Waħdu* u *Leġġenda fuq San Ġużepp*. Magħrufa l-poeżija tiegħu dwar Miss Edith Cavell, il-*Crocerossina* Ingliża arrestata u maqtula għax kienet tagħti l-għajnuna lis-suldati għedewwa u alleati mingħajr distinzjoni, kif ukoll is-sehem tiegħu, ispirat mill-Ġiżwita Charles Plater bħala direttur ta' moviment fi ħdan l-*Unione Cattolica San Giuseppe* li kellu l-għan li jeduka l-klassi tal-ħaddiema. Dan l-aħħar, fir-riċerka nstabu tliet verżjonijiet ta' poeżija li tfakkar lil Plater u l-imħabba tiegħu għall-fqar. Dan l-aspett politiku u soċjali ta' Cuschieri għadu fil-fatt irid jiġi studjat sewwa u mingħajr preġudizzji. Hija ħasra pereżempju li s'issa, tal-anqas sa fejn nafu aħna, għadha mitlufa l-kritika *Il Croce e la Croce* ta' Cuschieri lil Benedetto Croce.[35] U hawn tqum il-mistoqsija: Kien Cuschieri Faxxista Nazzjonalist pro-Taljan daqskemm riduh, għamluh u qed jagħmluh? Iktar jidher li Cuschieri ħassu maqbud bejn żewġ kurrenti politiċi u kif ħass li se jiġi użat, ta' poeta, filosfu u reliġjuż li kien, warrab min-nofs![36]

Ma nistgħux niċħdu li aspett sabiħ ta' Cuschieri - u aħna hawn insejħulu sabiħ - huwa fil-fatt il-kitba impekkabbli bit-Taljan. Hawnhekk nieqfu biss fuq il-poeżija. S'issa, sa fejn nafu aħna ma kien hawn l-ebda ġabra tal-poeżiji tiegħu bit-Taljan, wisq inqas ta' studju analitiku u kritiku tagħhom. Għaldaqstant din tista' titqies l-ewwel ġabra. Oreste Tencajoli fil-ktieb *Poeti Maltesi d'Oggi* jsejjaħ lil Cuschieri bħala

> Anima profondamente latina e cuore saldo [...] coraggioso propugnatore dello studio della lingua italiana [...] le sue poesie sono prevalentemente religiose; egli canta con espansiva gioia le glorie del suo Ordine, risalendo talvolta il corso dei secoli. Interprete sincero dell'anima cristiana, egli vuole su questa terra, ammalata di cupidigia e di sopraffazioni, il regno della giustizia e della pace, che è poi il regno di Dio.[37]

Il-ġudizzju tiegħu fuq il-lirika ta' Cuschieri huwa wkoll pożittiv:

> Scritte in un italiano impeccabile, lindo e cristallino, le liriche di P. Cuschieri si distinguono anzitutto per una delicata fusione ed armonia di colori. Altre caratteristiche sono la serenità dell'ispirazione, lo svolgimento sicuro nelle sue linee prive di qualsiasi rettorica, la sincerità che le anima ed il sano e ben inteso patriottismo del quale talune di esse sono permeate. Stilista e pernsatore, il P. Cuschieri esprime nelle belle forme tradizionali delle lirica nostra, sentimenti e concetti profondi che sa rivestire di imagini fiorite e calde di mistica e passione.[38]

Karmenu Vassallo fil-*Vatum Consortium* jgħid li Cuschieri ppubblika "għadd ta' poeżiji oħra bit-Taljan - ippubblikati fir-rivista Malta Letterarja ta' dik il-ħabta."[39] Madanakollu ma sibna l-ebda poeżija bit-Taljan fil-*Malta Letteraria*. Vassallo jgħid ukoll: "Kiteb ukoll għadd ta' poeżiji bil-Latin (li għalihom ġieli wieġbu b'oħrajn il-famuż Latinista u Professur tal-Letteratura fl-Università tagħna, Alfredo Bartoli)".[40] Madanakollu mir-riċerka ma jirriżultax li Cuschieri kiteb poeżiji bil-Latin u wisq inqas li Bartoli wieġbu, ħaġa li kienet komuni bejn Vincentius Laurenza u Bartoli. Sibna iżda fil-*Malta Letteraria* l-versi ta' Bartoli bil-Latin *Publius sive de Melita insula clarissima carmen* iddedikati *ad A. Cuschieri*.[41] Fir-Rosa *Melitensis*, mitbugħa minn Bartoli nsibu *epistola* (ittra) ta' Cuschieri li fiha jifraħ lil Bartoli ta' din l-inizjattiva li tmexxi 'l quddiem l-istudju tal-klassiċi (*litteras*).[42] Cuschieri kien jagħmel parti minn grupp ta' persuni li kienu jsostnu din l-inizjattiva ta' Bartoli.[43] Bartoli kien jippubblika l-poeżiji bil-Latin f'libretti barra minn Malta. L-uniċi versi ta' Cuschieri relatati ma' Bartoli nsibuhom f'epigrafija mitbugħa fl-1915 mal-librett tal-poeżija Sophronia.[44]



CamScanner

Kulħadd jaf li Cuschieri kiteb għadd ta' poeżiji għat-tfal[45], imma mhux magħruf li dawn il-poeżiji kienu fost l-iktar għal qalbu minn dawk li kiteb. Cuschieri kien ġie mqabbad speċifikament minn E. B. Vella biex jikteb xi vrus ħalli jiġu mitbugħa fil-ktejjeb *Ġabra ta' Ward*. Magħrufin huma l-*Gideb ta' Toninu*, *Il-Farfett*, il-*Bewsa tan-Nanna*. Hawnhekk qegħdin nattribwixxu u ninkludu żewġ poeżiji oħra li ġew pubblikati fl-1936 għall-klassi tat-tieni sena mingħajr firma u li l-istil mexxej u ħelu jgħajjat lil Cuschieri: *Alla, O Alla! u Ejja, għasfur, Ejja!*

Nistgħu ngħidu li kienu dawn il-poeżiji li hu kiteb għat-tfal, flimkien mal-poeżiji tiegħu dwar l-ilsien Malti, l-iktar li għenu biex tinżamm ħajja t-tifkira ta' Cuschieri. F'ħajtu u wara mewtu bosta kienu dawk li għannew ġieħu bil-kitba tal-poeżija bil-Malti, oħrajn xtaqu li jitwaqqaflu mafkar ta' ġieħ. Għalkemm din l-għanja u din ix-xewqa għal xi żmien intfiet, tibqa' fina t-tama li Cuschieri, "l-għannej tal-ġmiel ta' lsien art twelidna"[45] jkompli jiġi apprezzat kif kien minn dejjem sabiex ismu u wirtu jsibu posthom mill-ġdid fil-ġrajja ta' lsienna, tal-kultura u tal-identità nazzjonali tagħna. Għana u mafkar xieraq li jagħtu ġieħ lil Cuschieri żgur ikunu l-apprezzament ta' lsienna bħala l-istrument li jagħtina identità u jgħaqqadna f'poplu wieħed kif ukoll il-ftuħ politiku u kulturali li jsalvana mill-għeluq ta' mentalità insulari u parrokkjalista, kif ukoll l-għożża tal-valuri li għaddewlna missirijietna u li jsibu l-għeruq tagħhom fil-fidi u l-kultura Nisranija.

CamScanner

# Lista Kronoloġika tal-Poeżiji

## I. Epigrafi bil-Latin

**1915** 1. *Cui mea*: A.Bartoli.
**1931** 2. *Magnae Dei Matri*: A. Prov.; MC XVII/8 (Agosto 1931) 185.[46]
3. *Salve Carmeli*: MC XVII/8 (Agosto 1931) 185.
4. *Carmeli Flos:* A. Prov.[47]
**1933** 5. Hic ille est: MCXIX/9 (Settembre 1933) 215.

## II. Poeżiji bit-Taljan

**1905** 1. *Si levi a Maria.*
**1914** 2. *Alla Vergine del Carmine*: (16 Luglio 1914); PM, 114.
**1915** 3. *Ai caduti di ieri*: (Febbraio 1915); MC I/6 (Giugno 1915) 167.
**1917** 4. *Maria Maddalena de' Pazzi*: MC III/5 (1 Maggio 1917) 149.
5. *Stella Maris*: MC III/7 (1 Luglio 1917) 188.
6. *Elia di Tesbe*: MC III/7 (1 Luglio 1917) 200.
7. *Teresa di Gesù*: MC III/10 (1 Ottobre 1917) 275.
8. *Canzioncina ad onore dell'Alma Vergine Maria nostra signora Madre e decoro del Monte Carmelo*: Karti Volanti 1917; 1923.[48]



CamScanner

1922 9. *Nell'annua ricorrenza della Vergine del Carmine*: MC VIII/7 (Luglio 1922) 154.

1926 10. *S. Elia in cima al Monte Carmelo*: MC XII/11 (Novembre 1926) 318.

1927 11. *San Alberto degli Abbati da Monte San Giuliano*: MC XIII/12 (Dicembre 1927) 268.

1933 12. *Caivano* (1933): SMSSC XI/2 (Marzo-Aprile 1993) 8.

1935 13. *Versione dell'inno latino del B. Battista Mantovano a San Alberto degli Abbati*: MC (1935) 171-174.

1936 14. *Il Papavero*: SR (Jannar 1936) 15.[49]

**Bla data**

15. *Flos Carmeli.*[50]

16. *La Madonna di Lourdes.*[51]

17. *Voce dall'Alto.*[52]

18. *Fior del Carmelo.*[53]

## III. Poeżiji bil-Malti

1909 1. *Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 1909*: Cus, 3.

1913 2. *Oh! Li talbi Int kont tisma'*: LS (1982).[51]

1914 3. *Kewkba tal-Baħar*: RK I/2 (Awissu 1914) 26.

4. *Ieqaf magħna, ja Ħanina*: RK I/3 (Awwissu 1914) 48.

5. *Twieldet Marija*: RK I/5 (Settembru 1914) 70.
6. *Omm u Omm*: RK I/7 (Ottubru 1914) 112.
8. *Ċajt u hlieqa*: RK I/9 (Novembru 1914) 157.
9. *Fil-mewt ta' missieri*: RK I/10 (Novembru1914).
10. *Salm Messjaniku*: RK I/11 (Diċembru 1914) 165.
11. *Lil Marija fit-twelid ta' Binha*: RK I/11 (Diċembru 1914) 171.
12. *Ejjew Rgħajja*: RK I/11 (Diċembru 1914) 178.
13. *Għanja ta' Ragħaj*: RK I/11 (Diċembru 1914) 182.

**1915** 14. *Salm*: RK I/12 (Jannar 1915) 187.
15. *L-Għaxra ta' Frar*: RK I/12 (Frar 1915) 224.
16. *Lil Malta f'Jum in-Nawfraġju*: RK I/14 (Frar 1915) 228.
17. *It-Talba tas-Suldat fil-waqt tal-Mewt*: RK I/14 (1915) 260.
18. *Marija (1915)*: Ħ (27.4.1915).
19. *Lil Sidtna Marija*: RK I/15 (April 1915) 243.
20. *Talba lill-Madonna tal-Karmelu*. RK I/20 (Mejju 1915) 330.
21. *Talba lill-Madonna tal-Karmelu. Sunett*: RK I/20 (Mejju 1915) 330.[55]
22. *Lil Sidtna Marija fix-Xahar ta' Mejju*: RK I/21 (Mejju 1915) 330.
23. *Lil Marija Maddalena de Pazzi*: RK I/22 (Ġunju 1915) 361.
24. *Għodwa ta' Mejju*: Ħ (22.6.1915).
25. *Quddiem il-Madonna tal-Karmnu*: RK II/2 (Awwissu 1915) 22.
26. *L-Avemarija*: RK II/3 (Ottubru 1915) 91.
27. *Uri li int ommna*: RK II/4 (Novembru 1915) 110.

**1916** 28. *Kliem ir-Ruħ Nisranija*: RK II/9 (April 1916) 270.



CamScanner

29. *Ward u Talb lil Marija*: RK II/10 (Mejju 1916) 291.
30. *Ġesù jbierek il-kalċi*: RK II/11 (Ġunju 1916) 322.
31. *Flos Carmeli*: RK II/12 (Lulju1916) 353.
32. *Min f'Kelma jiġbor Ġmielek*: RK II/12 (Lulju1916) 355.[56]
33. *Lir-Reġina tal-Karmelu*: Ħ (12 ta' Settembru 1916).[57]
34. *Il-Fqajjar ta'Assisi*: (Ottubru 1916); ĦA, XXII/10 (Ottubru 1932).[58]
35. *Il-Mewt ta' San Franġisk*: RK III/3 (Ottubru 1916) 68; ĦA, XXIII/10 (Ottubru 1933) 223.
36. *Miss Edith Cavel*: Ġ 170 (21.10.1916).
37. *Mhux bil-fjuri jithennu*: RK III/4 (Novembru 1916) 106.[56]
38. *Qobra u Ħolm*: RK III/4 (Novembru 1916) 107.
39. *Fil-Milied tas-Sena 1916*: RK III/5 (Diċembru 1916) 154.

**1917** 40. *Quddiem il-Madonna tal-Karmnu*: RK III/7 (Frar 1917) 202.
41. *Fis-Santwarju tal-Karmnu*: Ħ (27.2.1917).
42. *Lil Marija. Salm*: RK III/10 (Mejju 1917) 289.
43. *Daqsxejn ta' xbieha li għandi f'kamarti*: RK III/10 (Mejju 1917) 291.
44. *Ħdejn il-Qabar ta' Sant'Antnin*: AP (Ġunju 1917) 161.
45. *Fjur ċkejken*: AP (Novembru 1917) 337.
46. *Ilsien pajjiżi*: Ħ (11.12.1917).
47. *Qtigħ il-qalb*: Ħ (1917); WQM 2, 47.
48. *Fix-Xahar ta' Mejju*: AP II, (Mejju 1917) 144.[60]
49. *Sunt lacrymae rerum ...*: Ħ (27.2.1917).[61]

**1918** 50. *San Bonaventura*: AP (Lulju 1918) 203.

**1919** 51. *Quddiem Marija biex teħlisna minn dil-marda*: Ħ (8.4.1919).

52. *Il-Kelma Maltija*: Ħ (20.5.1919).

53. *U Lilek*: Ħ (7.10.1919).

54. *Dun Pawl, Mhux Lili*: Ħ (28.10.1919).

**1921** 55. *Quddiem ta' Lourdes il-Ġdida*: Ħ (11.2.1921).

**1922** 56. *Lill-Madonna tal-Karmnu*: (Mejju 1922) Cus, 30.

**1924** 57. *Lil Mons. Gauci*: Ħ (15.12.1924).

**1926** 58. *Tu Rex gloriae Christe*: Karta Volanti (1926) Koll.A.Degab.; SR (22.10.1929).

59. *Naghtuk qalbna*: Folju (Ottubru 1926); Ħ (15.11.1927).[62]

**1927** 60. *Leġġenda fuq San Ġużepp*: MQG (1927) 55.

61. *Għall-Mewt ta' Ġużé Muscat Azzopardi*: MQG (1927) 264.

**1930** 62. *Il-Kuruna tal-Ward tal-Kbira Qaddisa Agostinjana Rita ta' Kaxxja*: (Settembru 1930); SR (Mejju 1950).

**1932** 63. *Talba*: MQG (1932) 149.

**1933** 64. *Lil Marija Assunta f'jum il-festa tagħha*: AP (Awissu1933).[63]

65. *Il-Mewt u l Midneb*: AP (Novembru1933).[64]

66. *Lampa Ħabiba*: AP (Novembru 1933).[65]

67. *Teresa*: STBG II/31 (Diċembru 1933).[66]

**1936** 68. *Alla, O Alla!*: ĠW (1936).[67]

69. *Ejja, Għasfur, Ejja!*: ĠW (1936).[68]

**1937** 70. *Lil Ommna Marija Ssma taħt it-Titlu tal-Karmnu*: (Awissu 1937).[69]

71. *Tifkiriet Karmelitani*: SG 78/4 (Awissu 1937).



CamScanner

**1948** 72. *Din ta' Sidek l-Għajta!*: MLT 24/2 (Ġunju 1948) 64.
**1950** 73. *L-Għanja li ma kellix bila ninseġ*: A.Prov. (1950).[70]
**1955** 74. *Innu lill-Isem Imqaddes ta' Ġesù*: K 17/1 (Jannar 1955) 4.[71]

**Bla data**

75. *Lill-Madonna tad-Duttrina*: Cus, 12.
76. *L-Avemarija*: Cus, 15.[72]
77. *Lil Ommna Marija SSma taħt it-titlu tal-Karmnu*: Cus, 32.
78. *Innu lil Marija*: Cus, 32.[73]
79. *Lil Sidtna Marija tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù*: Cus, 33.
80. *Marija*: Cus, 36.[74]
81. *Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu*: Cus, 36.[75]
82. *Taħt il-Ħarsa tal-Madonna*: Cus, 37.[76]
83. *Il-Milied*: Cus, 48.
84. *San Pawl fis-Sema waqt li kien għadu fid-dinja*: Cus, 54.
85. *Lill-Beata Tereża tal-Bambin Ġesù*: Cus, 67.[77]
86. *Qalb ta' Nisrani*: Ħ (31 ta' Mejju 1917) 2.
87. *Innu għall-Festa ta' San Ġużepp*: Cus, 78.
88. *Dies irae*: Cus, 80.
89. *Indiema*: Cus, 81.
90. *Innu tal-Paġġi tas-Sagrament Imqaddes*: Cus, 82.
91. *Illum kont naf li Inti*: Cus, 94.[78]
92. *Waħdu*: Cus, 108.[79]

93. *Min jaf kemm drabi rajtek*: Cus, 110.[80]
94. *Filghodu*: Cus, 110.[81]
95. *Fuq Qabarti*: Cus, 111.[82]
96. *Sajjied ta' xewqtu*: WQM 1 (1936) 56.
97. *Il-Gideb ta' Toninu*: GW 4, 91.
98. *Il-Bewsa tan-Nanna*: Gw 1, 21.
99. *Ix-Xita*.
100. *Ritratt ta' Toninu man-Nanna*: GW 3, 105.
101. *Il-Farfett*: GW 3, 48.
102. *Dik Mewġa*: GW 4, 28.
103. *Plater*: Koll.A.Degab.



CamScanner

# Poeżiji Attribwiti

## 1. Oh! Li Talbi Int Kont Tisma'

...Oh! li talbi Int kont tisma',
ħelwa Omm li s-sema qiegħda;
jien min-niket f'din l-art nara
lill-imsejkna ommi mbiegħda.

Ħajja b'ħajja magħha nibdel,
fjur żgħożiti lilha nagħti;
bi xjuħitha jien nitgħabba
biex le nara lilha tbati.



CamScanner

## 2. It-Talba tas-Suldat fil-waqt tal-Mewt

Jien dak, Marija,
li bl-ikbar ħrara
tlabt lilek u sejjaħtlek
Omm tal-Insara;

jien dak li dejjem
ismek isemmi;
Int li kull darba
farraġtli hemmi.

Minn balla ħarxa
fil-qalb milqut,
sejjer jien issa,
Marija, immut.

Ja Omm ta' ħniena,
tama ta' qalbi,
fil-ħin ta' mewti
Int isma' talbi;

ismagħni, ismagħni,
inżel għal ħdejja,
b'idek il-ħelwa
għalaq għajnejja;

u ruħi tella'
miegħek fil-ġenna;
iktar, Marija,
għalfejn nistenna?

U l-aħħar kelma
ilqa' ta' fommi,
farraġ, jaħasra;
farraġ lil ommi!



CamScanner

## 3. Talba lill-Madonna tal-Karmelu

Fjur tal-Karmelu, minn tas-Sema dija,
mismugħ ġie minnek dejjem talb l-Insara;
la int tinsab bi grazzji kbar mimlija,
lejk aħna nersqu 'lkoll bi kbira ħrara.

Nitolbu grazzja jxxerred: li l-ħruxija
tal-gwerra fuq l-Ewropa iżżomm, biex ħsara,
nixħet, tixrid ta' demm bl-agħar kefrija,
dawn jieħdu tmiem, kulħadd il-paċi jara!

U kif dil-gwerra tħoll fil-waqt li 'l-Alla
li xejn ma jċaħħdek titlob Int għaliha
għax Hu fuq Tron Reġina Lilek talla'

Tas-Sema u l-art, għin lid-devoti tiegħek,
biex kif wegħedt li tagħhom f'mewt is-siegħa,
igawdu Int ġol-Ġenna ddaħħal miegħek!



CamScanner

## 4. Lir-Reġina tal-Karmelu

Kont għadni ġewwa l-ħrieqi, żgħir tarbija,
x'ħin ommi fuq Altarek għaġġlet tmur
toffrini, b'lejja mħabba wisq qawwija,
lilek, ja Fjur tal-Karmnu l-iżjed pur!

Bil-libsa mbierka tiegħek, imhennija,
libbset 'il sidri; u Lilek, aktar żgur
minnha Omm għażiża, nsejjaħ oh Marija!
Għallmitni, sew f'kull ferħ, kemm f'kull dulur.

Kbir jien fis-snin ... Min jaf, Omm wisq ħanina,
kemm drabi quddiem Tronok għarkopptejja
faraġ fuq qalbi tfajt fin-niket tagħha?...

Il-Libsa tiegħek bist bid-dmugħ f'għajnejja,
il-fidi Lejk kattartha u għidt bis-saħħa:
ta kollha l-ħlejjaq int tassew Reġina!

## 5. Fix-Xahar ta' Mejju

Għalik, Xebba safja, illum il-ward jiftaħ,
għalik, ja Qaddisa, imżejna hi l-art,
għalik din il-fwieħa, bħal bħur, nar tiela',
għalik, li f'did-dinja, b'Min ħalqek instart.

Bħal warda Maltija Int għandek il-ħmura
ta' mħabba, li sebqet in-nar tal-ħolqien;
il-bjuda ta' ndafa, li saħħret bi ġmielha
lil Alla, li ħawlek tas-sema fil-ġnien.

Mhux daqsek il-vjola trid tibqa moħbija,
mhux daqsek il-ġilju jitbażża mit-tbajja;
int qronfla mimlija b'tiżwiq, b'kull lewn sbejjaħ,
kamelja marbuta mas-siġra tal-ħajja.

Int warda, Marija, tax-xemx, li f'kull siegħa
iddur dejjem tħares għad-dawl, u bid-dija
tax-xemx, li hu Kristu, li minnek sar bniedem,
li Ommu ssejjaħlek, kull ħin Int mimlija.

Min qatt jista' bħalek jgħid li b'għamilu
żied fwieħa fil-Ġenna, ta' fwieħa kbir ġnien?
Fejn qatt, iktar milli fik, sab fejn jitgħaxxaq
min ried jiġi msejjaħ susan tal-widien?

Mbierka ż-żerriegħa li tatek in-nibet,
ja warda tas-sema, ta' niesna kbir ġieħ!
Int waħdek biżżejjed biex tferraħ lil Alla,
li riedek fuq kollox u riedek għalih.

Lejn l-art, fejn biss xita ta' dmugħ il ward tagħna
issaqqi, biex jarġa' fl-għaxija mitbiel,
mis-sema, Ħanina, għajnejk kollha ħlewwa
fis dawwar u żejjen 'il ruħna bil-ġmiel.

Bil-ġmiel li minn fuqu ma tmur qatt il-fwieħa,
li joktor iżjed idum fis-sbuħija,
bil-ġmiel li bih Alla 'l ruħek wisq żejjen,
li ġagħlek tissejjaħ bil-grazzja mimlija.



CS CamScanner

Tat-tfal il-qlub safja Int hares mill-qilla
tal-għadu, li b'ħiltu jrid iwaqqagħhom
fil-ħtija, u mibegħda ġo fihom inibbet
lejn ġilju, li jmissu ikun il-ġieħ tagħhom.

Liż-żgħażagħ, ja Xebba, li f'qalbhom l-imħabba
bdiet tixgħel lejn ħwejjeġ, li jtiru mar-riħ,
int uri l-imħabba li tgħix fuq il-ġisem,
biex 'l Ibnek iħobbu u jgħixu għalih.

Il-ward tad-dinja jkun biss għalina
ta' ward ieħor xbieha, li jgħix fuq iż-żmien,
li b'demmu qalgħalna Ġesù għal ġos-sema
fejn nibqu mhennija għal dejjem flimkien.

## 6. Sunt lacrymae rerum ...

*lil habib imfantas*

Dwar xi sen'ilu kont, ħabib, ħallejtni:
dlonk jien imbagħad għall-frugħa dawwart ħsiebi
tal-art qarrieqa u ħassejt l-imrar kiefer
tal-ħajja f'qalbi;

u biex tal-ewwel ħasra ntaffi l-weġgħa,
bil-ħsieb li moħħi fuq il-kotba nserraħ,
fi ħdim il-ħsieb bdejt jiem u ljieli ngħaddi
b'tama ta' faraġ.

Iżda il-għerf waħdu, il-ġid tal-ħajja kollu
x'jiswielu lil min jgħix bħar-raħeb waħdu?
x'jista' jtaffi lil qalbna, meta lilha
tonqos l-imħabba?

Misħut għal dejjem dak il-ħin li qlubna
għal ħaġa ċkejkna fired, lilek fantas
u kbir teżor tellifni; għax, kif tlaqtni,
dmugħ waqa' fuqi!

X'kienet tħoss qalbi, kif kienu jgħidulna:
"Qiskom żewġt'aħwa, kemm flimkien tinħabbu",
Alla biss jafu, li daż-żmien q'għed jara
is-swied ta' qalbi.

Dil-qalb ridt norbot kieku ma' ħaddieħor,
iżda, fejn xebh ma 'ssib, għalxejn titħabat:
Ħadd miegħi żgur ma qabel daqskemm inti
li issa ħallejtni.

Narak jien fl-għabex ma' ħabibek toħroġ,
biex itir ħsiebek qalb in-nwar tax-xgħari:
Waqt l'inti idderri, nolfoq q'għed jien waħdi
f'dari ħosbieni!

Għad jum iżernaq li terġa' tgħannaqni?
Li jfakkruk fija l-ħarġiet twal li konna
nagħmlu, medhija t-tnejn f'taħdita ħelwa
ta' ħtieġa kbira?

Jekk trid imbagħd li qalbi tkiddli, għamlu!
Dan ikun lili ta' tbatija ħarxa.
Kieku taf iżda qalbi kemm mingħajrek
tinsab fid-dalma!

Minn mindu iżda l-Iben t'Alla fdiena
l-ilfieq u l-biki m'humiex ħsara kbira;
f'riġlejn il-Mislub ħin wieħed ... tnehida ...
tisfa' ġid f'ruħna.

X'ħin iżjed ma stajtx, knisja wisq devota
niġri ratni għand Dak li ħbiebu kollha
fl-eqqel ħarbuh ta' ħajtu, fit-taqbida,
u tlabtu il-qawwa.

Ħin wisq kien dak għażiż, li dmugħ ta' mħabba
wiċċi xarrabli, meta tgemgim ħelu
lis-Sid għamilt ta' ruħna, li minn qalbi
li jhennik tlabtu!

## 7. Teresa

Oh x'isem tal-ħlewwa!
Ħallini nsemmik,
ħallini nithenna
u nitgħaxxaq bik!

Xħin 'l ismek insemmi
ġo qalbi nsib serħ;
u nħossni nittajjar,
nitfawwar fil-ferħ.

Oh x'isem tal-ħlewwa!
Oh x'isem sabiħ!
Sal-Anġli tal-ġenna
Jitgħaxxqu bih.

Id-dinja bi ħġarha
għal fwieħtek tħajret;
u wisq malajr hija
warajk ittajret.

Għax fik sabet faraġ
fik sabet ħlewwa,
fik sabet iva
dik l-hena tas-sewwa.

Oh ħelwa Teresa!
Għalhekk l-isem tiegħek
jimlieni bil-ħlewwa,
jorbotni miegħek.

Għax int biss għalija
il-faraġ tal-ġenna,
fik biss il-qalb tiegħi,
inħossha tithenna!



CamScanner

## 8. Innu lill-Isem Imqaddes ta' Ġesù

Ta' Ġesù, ħelwa t-tifkira!
Bl-akbar ferħ timla l-qlub tagħna:
iżda oħla minn kull għasel
hija l-qagħda tiegħu magħna.

Int, Ġesù, jies ta' min jindem,
kollok ħniena, oh, x'Ħabib!
Lejn min f'talbu jfittex lilek;
min isibek, oh, x'isib!

Fl-ebda għanja m'hemm il-ħlewwa,
l-ebda ħoss ma jdoqq ferrieħ,
fl-ebda ġmiel ma tinsab l-għaxqa,
li Ġesù jiġbor ġo fih.

Bl-ebda kitba ma jitfisser,
l-ebda lsien ma jgħid x'inhu:
min daq biss jaf x'jiġifieri,
xi ħlewwiet, tħobb lil Ġesù.

Kif, Ġesù, għad tkun ħlas tagħna,
kun għalina ferħ u sliem:
sabiex inti tkun il-glorja,
Illi ngawdu mingħajr tmiem.

## 9. Alla, O Alla!

Sewwa fil-ħidma,
sewwa fis-serħ,
Jiena biss f'Alla
insib il-ferħ.

Iddew Int għini,
Alla maħbub,
biex inkun tajjeb,
naħrab id-dnub.

Alla, o Alla,
isma' fis talbi,
nixtieq li tibqa'
dejjem ġo qalbi.



CamScanner

## 10. Ejja, Għasfur, Ejja!

Għasfur ta' qalbi,
ersaq ftit lejja,
la tibżax minni
ejja ftit ħdejja.

Taf li Min ħalaq,
lilek u lili,
riedna bħal aħwa
ngħixu fidili?

Mela, bla biża'
għandi fis ejja,
la tibżax minni,
ejja ftit ħdejja.

## 11. L-Għanja li ma kellix ħila ninseġ

Li kieku tlabtni ninsiġlek f'dil-lejla
għanjiet ta' qalb imnikkta jew ferrieħa;
ta' bniedem ħieles jew, ħabsi bla rieda;
ta' nies is-swar, mirbuħa jew rebbieħa;

kont ngħidlek ismagħha dil-għanja ħierġa
mirquma bi vrus, sħiħa għonja u qawwija,
ħielsa u ħelwa fid-daqq u l-armonija,
bi kliem u ħsieb li joħloq il-Poeżija.

Li tlabtni ninseġ xi għanja fuq ġmiel id-dinja,
li xi nies jistħu, bla heda u bla mogħdrija
u oħrajn ifaħħru għax jgħidu li tathom
ma' ħalib ommhom, kull hena u tgawdija

kont inniżlek bl-għana f'widien u ġonna
fejn ilma safi – u ġieri – jiġġelben f'niżliet
u fewġiet ir-riħ ibandlu l-frieghi u jġerru
riħiet iż-żahar, w'il-ward, bl-għola ħlewwiet

u hemm imgeddsa qalb ħarrub u fraxxnu
nissemmgħu konna, għanjiet kull għasfur,
ħsiebu li jgħaxxaq l-għasfura b'ħiltu
u juri x'jaf jinseġ l-għammiel għajjur.

U kont intajjrek ma' erwieħ ħsibijieti
u fl-għoli nxabbtek mal-kwiekeb t'hemm fuq
inġerru, insuqu fuq dbieb mingħajr iġsma
fejn bħal kull Poeta nħobb insuq.

'Ma x'ġiek titlobni għanjiet l-ewwel Quddiesa
f'dal-jum li jsebbaħ u jqaddes żgħożitek,
miljiet ferħ ommok, għaxqiet missierek
ġrajjiet li ħlomt sa minn xewqat ċkunitek

jien naf ħabib ... ix-xewqa li hemm ġo qalbek
naf li ridt tnaqqax fuq l-iebes żonqriet
minn blat li jixhed il-għomor is-saħħa
żrar xtaqt ittajjar ... u ssawwar kelmiet.



CamScanner

Fuq swar dil-gżira mxarrba b'demm li jixhed
qawwiet il-Fidi li għożżew il-Maltin,
ħlomt li trid tħażżeż l-għanja li tfakkrek
li sirt bniedem Alla, biex tgħin lill-fqajrin ...

Mhux qawwiet driegħek xejjinlek dan ħsiebek,
ma x'qatt ser' tikteb, il-bidu, u t-tmiem
fuq dan il-mafkar li mhux tafli ridtu,
imma żonqri biex jgħixlek tul iż-żmien.

U hekk jien bħlek ninstaram x'ħin naħseb
kif qatt ser' ninseġ ... dan l-għaġeb l-għanjiet,
Ħabib biżżejjed li nħażżu is-sema
li kienet l-għanietek b'ta'Alla l-qawwiet.

# Noti

1 ANTONIO CREMONA, *Antoloġija ta' Proża Maltija*, Malta: Malta University Press, 1970, 144.

2 Ibid. Minn xi daqqiet jissejjaħ ukoll *Il-Poeta tal-Ilsien Malti*. Ara: ĠUŻÈ AQUILINA, 'Il-Poeżiji ta' Cuschieri', f'*Cuschieri: Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija. Ġabra ta' Poeżiji*, b'introduzzjoni tal-Prof. Ġużè Aquilina u bi studju ta' Alfred Degabriele, Malta: Lux Press, 21976, xxix.

3 ĠUŻÈ AQUILINA, 'Il-Poeżiji ta' Cuschieri', f'*Cuschieri: Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*, vi.

4 Saħansitra l-Prof. Oliver Friggieri fi *Storia della Letteratura Maltese* jirriserva biss żewġ noti għall-kontribut ta' Cuschieri. F'paġna 185 huwa u jispjega l-influss ta' Tomaseo fuq Dun Karm jikkwota l-poeżija ta' Cuschieri *Il-Kelma Maltija*, waqt li f'paġna 231 isemmi lil Cuschieri ma' "dei poeti 'democratici', cioè quelli che (capeggiati, in tal senso, da Dun Karm) scrivevano in maltese e cercavano di aprire la loro opera al vasto publico.": OLIVER FRIGGIERI, *Storia della Letteratura Maltese. La poesia dalle origini al primo Novecento*, Milazzo: Edizioni Spes, 1986, 185, 231.

5 In-*noms-de-plume* magħrufin s'issa huma: *, **, ***, A.B.C., a.b.c, X.Y.Z., J.K.L., M.R., ACus, A.Stersco (*), Devot tal-Karmelu, Patri Karmelitan, Carm., P.A.C., P.A., P.C., i.d. Daħal ukoll id-dubju jekk qattx inħeba wkoll taħt in-*nom-de-plume* "Terzjarju Franġiskan" (ara: infra nota 25), u A.C. Dan tal-aħħar huwa wkoll psewdonimu użat minn Ninu Cremona. Aktarx ukoll uża n-*nom-de-plume* 'Beati qui lugent' u 'Minimus'. Dan tal-aħħar insibuh f'artikli mitbugħa fuq l-*Anġlu tal-Paċi*. F'Mejju tal-1916 insibu artiklu ta' Cuschieri mitbugħ fuq *Ir-Reġina tal-Karmelu* dwar *Ir-Regina Coeli* [ara 'Ir-Regina Coeli', f'RK II/10 (Mejju 1916) 311] u fl-*Anġlu tal-Paċi* insibu artiklu ieħor simili iffirmat 'Minimus' dwar l-*Ave Regina Coelorum*. Il-fatt li l-awtur jirreferi għall-Patrijiet Minuri u l-Ordni Franġiskan bħala terzi persuni

u l-fatt li jġib ukoll id-data u l-post: "Li-Mdina, nhar il-Lunzjata ta l'1916" jidher li mhux miktub minn Franġiskan [ara 'Ave Regina Coelorum', f'AP (1916) 116], ma neskludux li Cuschieri huwa l-awtur ta' dan l-artiklu studjat. Dak iż-żmien Cuschieri kien Provinċjal u seta kitbu fil-jiem tal-Festa Titulari tal-Lunzjata fl-Imdina. Il-Provinċjal, skont id-drawwa ta' dak iż-żmien, kien jiċċelebra fl-Imdina l-festi liturġiċi tal-Lunzjata, l-Epifanija, il-Qalb ta' Ġesù u wkoll il-festa tal-Karmnu.

6 Serafin Abela, 'Kelmtejn Qabel', f'*Cuschieri: Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*, i.

7 Patri Karmnitan, *Ħajja ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Karmnitana. Miktuba b'Tifkira tat-Tielet Ċentinarju tal-Mewt tagħha*, Valletta: Daily Malta Chronicle, 1907. L-għan tiegħu jidher li kien dejjem wieħed didattiku kemm fuq livell reliġjuż kif ukoll fuq livell tal-kultura. F'dan il-qasam Cuschieri għad irid jiġi apprezzat. Fl-ewwel ħarġa tar-rivista *Ir-Reġina tal-Karmelu*, li tagħha hu kien id-direttur u li, sakemm damet toħroġ, tista' tgħid li iktar minn disgħin fil-mija tal-kitba kienet tiegħu, huwa jagħti l-għan li għalih qed joħroġ din ir-rivista: "L-ewwel nett li tiġi aktar imxerrda d-devozzjoni u t-tieni biex jinqerdu l-kotba ħżiena u l-poplu jkollu f'idejh qari tajjeb u li ma jħassarx il-qlub". Cuschieri kellu għal qalbu l-edukazzjoni tal-poplu b'letteratura tajba (edifikanti), sempliċi u li tagħti gost lill-qarrej ħalli trawwem fih il-valuri għoljin umani u reliġjużi. Ara: *Ir-Reġina tal-Karmelu* I/1 (15 ta' Lulju 1914) 5; Joseph Mangion, *Il-Kitbiet ta' Joseph Mangion*, Ħal Qormi: Penprint Ltd, 1984, 15-21.

8 Josette Attard, *L-Estetika. Antoloġija Kritika*, Msida: Mireva Publications, 1997, 97.

9 Oliver Friggieri, 'Diskors. Anastasju Cuschieri: is-Solitudni, il-Kelma, il-Madonna' (Akkademja Mużiko-Letterarja f'Għeluq il-25 sena mill-Mewt tal-Prof. P. Anastasju Cuschieri – 16 ta' Ġunju 1987), ippubblikat f'*Il-Mument* (19.7.1987) u (26.7.87). Siltiet minn dan id-diskors inġiebu f'Il-Malti. *Rivista tal-Akkademja tal-Malti* 63 (1987) 5-9.

10 Prospero Grech, 'Introduction', f' *Dun Karm Poet of Malta*, texts chosen and translated by A.J. Arberry, introduction, notes and glossary by P. Grech, Cambridge: University Press, 1961, 17.



CamScanner

11 Grech, *17*

12 L-ewwel edizzjoni kienet ħarġet fl-1967, ħames snin biss wara l-mewt tal-Professur Cuschieri. It-tieni edizzjoni fiha xi poeżiji miżjuda, li nstabu wara, u oħrajn imneħħija għax instab li ma kenux tal-Professur.

13 MMQĠ (Awissu 1932) 174.

14 Kif ikkwotat f'Ġużè Chetcuti, *Stilistika Maltija u Movimenti Letterarji*, Malta: Klabb Kotba Maltin, 1985, 33. Fl-istess rivista Cuschieri u Vassallo jiffirmaw bl-istess *nom-de-plume*, waqt li kemm-il darba Vassallo jiffirma b'ismu.

15 Mangion, *Il-Kitbiet*, 18.

16 Ara per eżempju: G.M. 'Ir-Reġina tal-Karmelu', f'*Il-Ħabib* (2 ta' Jannar 1917); G.C., 'Kitbulna', f'*Il-Ħabib* (13 ta' Frar 1917). Hija l-fehma tagħna li n-*noms-de-plume* għandhom tifsira simbolika u jistħoqqilhom studju għalihom. Ma tantx tidher tagħmel sens l-interpretazzjoni tal-użu ta' dawn il-psewdonimi minħabba l-ispirtu ta' umiltà jew biex jinħeba. L-ewwel nett kieku kien hekk Cuschieri kien jinħeba taħt in-*noms-de plume* dejjem u mhux kważi esklużivament għall-kitba bil-Malti. It-tieninett jidher, mill-ittri miktuba fil-gazzetti, li kien magħruf ta' min kienu dawk in-*noms-de plume* [ara p.eż. ittra ta' G.C. f'*Il-Ħabib* (13.2.1917); Dun Pawl Gauci, 'Lill-Professur Cuschieri minn Qiegħ Qalbi', f'*Il-Ħabib* (13.1.1920); SAĊ. A.P., 'Lilek', f'*Il-Ħabib* (30.9.1919), 1]. Iktar jidhrilna li Cuschieri, ta' filosfu li kien, seta' ried iwassal messaġġ bl-użu ta' dawn il-psewdonimi, u l-aktar bl-użu tal-asteriski fihom infushom (diminuttiv tal-Latin *aster* – stilla – li jfisser *kewkba* jew stilla ċkejkna) jew fil-psewdonimu "A. Stersco", tal-kelma Latina "Acus" (vleġġa jew niggieża) u tal-psewdonimu (aktarx xi żball tat-tipa) *A. Sterco.* Mingħajr ma nwarrbu l-fatt li l-asterisk kien psewdonimu użat minn awturi oħra bħal Ninu Cremona (biex inkunu iktar fiż-żgur iċċekkjajna l-ġabra ta' poeżiji u kitbiet mitbugħa minn Cremona nnifsu), hawnhekk niġbdu l-attenzjoni li ħarsa ħafifa lejn il-poeżiji ta' Cuschieri turina li l-*kewkba*

u l-plural tagħha kwiekeb jissemmew 31 darba fil-poeżija tiegħu bil-Malti. Ġeneralment hija dejjem sinjal ta' tama qalb it-tiġrib u dawl fid-dlam. Dun Pawl Gauci fil-poeżija li semmejna jikteb: "Issa li ma tistax tinħeba / wara d-dell minn tal-kwiekeb, għax bid-dija / tagħha lilek ix-xemx urietna f'sebħek u / kulħadd għarfek.", waqt li s-Saċ. A.P. ukoll, f'*Lilek* jgħid li "l-għanja msaħħra" ta' Cuschieri "nieżla mill-kwiekeb [...] minn għalqa għall-oħra titfawwar u tgelgel / tisreġ bħal vleġeġ bojod fl-art imdallma...". Fid-dawl tal-qagħda Maltija ta' dak iż-żmien, il-kwistjoni tal-lingwa, il-problema tal-qgħad, il-kwistjoni tas-*Self Government* u l-bqija, il-lirika Maltija ta' Cuschieri kienet bħal donnha qed tifforma kostellazzjoni ta' *asteriski* (kwiekeb) li jitfgħu raġġ ta' dawl u tama f'sema mudlam sakemm "imbagħ'd il-jum ibexbex" (*Lilek*). F'*Lilek* il-kliem ta' Cuschieri huwa mqabbel wkoll ma' "vleġeġ bojod". U hawn ngħaddu għall-psewdonimu "Acus" li jista' jfisser taqsira ta' "Anastasio Cuschieri" (ma setax jiffirma "A. Cus." li kieku ma riedx jagħti messaġġ?) jonkella "niggieża" jew "vleġġa" mil-Latin. Kliemu fil-fatt kellu wkoll ħabta jniggeż u jinfed, l-iktar meta jvenven bil-pinna xi kritika f'forma ta' poeżija bħal f'*Ċajt u Ħlieqa* u f'*Qalb ta' Nisrani* jew f'forma ta' esej kritiku filosofiku. L-istess jista' jingħad dwar l-użu tal-psewdonimu "A.Sterco" mingħajr ma neskludu li jista' jkun żball tat-tipa. Waqt li l-"A" u l-"(*)" bla dubju jindikaw lil Cuschieri, it-terminu "Sterco", jista' jindika li bħal donnu l-poeta jqis lilu nnifsu u l-missjoni tiegħu bħala dak li jdemmel iż-żerriegħa, li hu sab fl-għejun tal-kultura Maltija li xettlitna, u li sa żmienu "kienet għadha ma nibtitx" għax "kienet għadha mhix koltivata... [sakemm] jum wieħed tkun tista' tagħti l-frott" (Mangion, *Il-Kitbiet*, 22). Kif jinnota tajjeb Tencajoli u warajh Mangion, Cuschieri "meta ħares madwaru ma rax għajr il-faqar ta' poplu aljenat. Ma rax ħlief preġudizzji kontra l-ilsien Malti..." (Mangion, 22) u xammar idejh biex idawwal id-dlam tal-injuranza, iniggeż il-kuxjenza jew jixpruna għal ħeġġa u iktar serjetà u preċiżjoni fl-argumentazzjoni u r-raġunar, kif ukoll idemmel l-għalqa mballta tal-kultura Maltija li kienet ilha żmien twil mitluqa.

17 Ta' min insemmu hawnhekk l-istudji ippubblikati fir-*Rivista Storica Carmelitana* li jwaqqgħu l-argumenti

ta' Zimmerman b'finezza loġika. F'dan id-dawl, il-psewdonimu P.C. użat fir-Rivista ma jidhirx li hu ta' Cuschieri, imma ta' Paolo Caioli, O.Carm. kontributur fl-istess rivista.

18 Ara *supra*, nota 16.

19 MANGION, *Il-Kitbiet*, 18-21. Mangion jibda biex jgħid li "Fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni ċerta l-istudju tal-istilistika hu l-aħjar għodda biex tiġi ddeterminata l-awtentiċità ta' xogħol letterarju", imbagħad jagħti l-kriterji stilistiċi għall-għarfien tal-poeżija ta' Cuschieri: 1) preferenza għall-użu ta' kliem imnissel mis-Semitiku, 2) l-użu ta' aġġettivi vagi u mhux definiti – l-użu rikorrenti ta' *donnu* u *bħal*, 3) binja Sinattika speċifika, bl-użu tal-preżent f'kuntest ta' passat u bit-tqegħid ta' l-avverbju qabel il-verb, 4) l-użu rikorrenti ta' verbi tipiċi bħal *tissospira* u *spira*, *ikkumbatta*, eċċ., 5) l-użu tal-*ira* għall-enfasi ukoll meta ma hemmx bżonnha u li tirrifletti karattru inċert fil-kittieb, 6) l-użu ta' prepożizzjonijiet partikulari bħal *bil-wisq* flok *wisq*, 7) elementi tematiċi rikorrenti bħall-figura tal-omm, figura ta' missier armel, niket tal-ħajja u diqa, id-dehra romantika tar-reliġjon li tgħolli s-sentiment.Ta' min jgħid ukoll li l-poeżija ta' Cuschieri, l-aktar dik Marjana, tixbah lil ta' Ġużè Muscat-Azzopardi. In-nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-poeżiji kollha ta' Azzopardi jagħmel iktar kumplikat ix-xogħol tal-attribuzjoni.

20 GEORGE ZAMMIT, 'Patri Anastasju Cuschieri, O.C. – Filosfu, Poeta, Reliġjuż', fil-*Leben is-Sewwa* (2 ta' Marzu 1985) 5.

21 ĠORG ZAMMIT, 'Il-Professur A. Cuschieri, DD, PhD, OC', f'*It-Tarka* (23 ta' Awwissu 1962).

22 AQUILINA, *Studji Kritiċi Letterarji*, Malta: Lux Press, 1969, 208; ID., 'Il-Poeżiji ta' A. Cuschieri', f'*Cuschieri: Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*, vi; DENIS ZAMMIT, *Cuschieri: Ħajtu u l-Poeżija Tiegħu*, teżi tal-BA (Unuri) Fil-Fakultà tal-Arti, L-Università Rjali ta' Malta (8 ta' Mejju 1974), 171-181. *Pro manuscripto*; Angela Fenech, *Analiżi tar-Rivista 'Il-Malti'* (1925-1969), teżi tal BA (Unuri) fil-Fakultà tal-Arti, l-Università Rjali ta' Malta (15 ta' Mejju 1974), 10. *Pro manuscripto.*

23 MANGION, *Il-Kitbiet*, 18.



CamScanner

24 Mangion, *Il-Kitbiet*, 18. U hawn inħoss jiena, tista' tinftihem il-fehma ta' Cuschieri, hekk kif jagħtiha Ġużè Aquilina, li l-Malti ma' għandux dik l-importanza kbira li kienu jagħtuh huma ta' żgħażagħ li kienu: Aquilina, *Studji Kritiċi Letterarji* (1969), 208. Għalkemm Cuschieri kien iħobb il-Malti u xtaq jarah mogħti d-dinjità li tistħoqqlu, il-fehma tiegħu dwar dan kienet, bħal f'kollox – kif jixhdu bosta li kienu jafuh – prudenti u meqjusa, li bil-Malti waħdu Malta tibqa' maqtugħa mill-bqija tad-dinja. F'dan id-dawl jinftiehem aħjar dak li huwa stqarr fis-Senat li ma jridx jgħolli lsien billi jeqred ieħor: *Official Report of the Debates of the Senate of Malta* (1927-1928), 192-193, kif ukoll il-fehma tiegħu dwar li ma jagħmilx sens li wieħed jinsisti eżaġeratament dwar is-safa tal-ilsien Malti li trid taqtgħu minn influwenzi barranin u allura mill-kuntatt mal-bqija tad-dinja. Ara l-poeżija *Ċajt u Ħlieqa*. Ikollna ngħidu bla tlaqliq li ftit jew ħadd, fi żmienu kif ukoll warajh, ma fehmu li Cuschieri ma kienx biss poeta imma kien ukoll filosfu bi ħsieb fin, li ġie ffurmat 'il barra minn xtutna f'komunità internazzjonali kemm fil-Kulleġġ ta' San Albert f'Ruma, kif ukoll fl-Università Pontifiċja Gregorjana, fejn tħallat ma' nies ta' kull razza u ġens, u aktar tard, kif urietna r-riċerka reċenti, bis-safar tiegħu għal taħditiet u btajjel fi Vjenna, l-Olanda u l-Italja. Hu li ġarrab f'laħmu l-limitu ta' lsien mitkellem minn-nazzjon waħda biss, f'din il-kwistjoni kellu l-kapaċità jimrah lil hemm minn viżjoni aktarx ċkejkna u insulari li madanakollu lokalment kienet ta' importanza fundamentali għall-kisba ta' identità nazzjonali.

25 *Official Report of the Debates of the Senate of Malta* (28 Nov. 1923).

26 *Ibid.*

27 Aquilina, *Studji Kritiċi Letterarji* (1969), 208.

28 Anastasio Cuschieri, *Ittri personali*: Arkivju tan-Nederlaands Carmelitaans Institute – Boxmeer.

29 Mark F. Montebello, 'Cuschieri, Anastasju (1872-1962)', f'*Il-Ktieb tal-Filosofija f'Malta*, I, Malta: PIN, 2001, 103; 'Anastasio Cuschieri', in *Wikipedia. The Free Encyclopedia* (online): http://en.wikipedia.org/wiki/Anastasio_Cuschieri [30 April 2012]. Ta' min jinnota li fl-istudju reċenti ta' Max Farrugia dwar

l-internati u l-eżiljati ta' zmien il-gwerra Cuschieri mhuwiex imsemmi. Ara: Max Farrugia, *L-Internament u l-Eżilju matul l-Aħħar Gwerra*, Malta: PIN, 2007

30 AQUILINA, *Studji Kritiċi Letterarji*, Malta: Lux Press, 1949, 9.

31 ***, 'L-Istorja tal-Lingwa meħuda minn fuq il-Gazzetta di Malta tat-12 ta' dan', f'*Il-Ħabib* (26 ta' Mejju 1914).

32 C. SANT, 'Il-Kelma Maltija', f'*Il-Ħabib* (15 ta' Frar 1925).

33 *Ibid.* Kliem il-bdiewa użat f'din il-poeżija twila tlettax-il strofa, jinkludi: Żeppi, amman, sebħ, jamar, amlewwel, satal, rewwieħa, għajni, mnewnija, moqbejl, imleff.

34 CUSCHIERI, *Per la Messa Novella di Goffredo Lubrano*, Malta: Scuola Tip. Salesiana, 1919.

35 Kulhadd isemmi li Cuschieri ppublika kritika lil Croce fir-Rivista di Filosofia Neo-Scolastica. Tiftix f'din ir-rivista wera li fil-fatt din il-kritika mhijiex ippublikata hemmhekk. George Zammit, fl-artikli tiegħu fil-gazzetti (ara *supra* noti: 20 u 21) jagħti l-isem ta' din il-kritika bit-titlu *Il Croce e la Croce* u jgħid li hi magħrufa iżda ma jagħtix ħjiel ta' fejn ġiet mitbugħa.

36 Studju jnteressanti jkun fuq l-idea li Cuschieri kellu tal-identità u r-rwol tal-poeta u l-filosfu fi ħdan is-soċjetà ta' madwaru.

37 ORESTE FERDINANDO TENCAJOLI, *Poeti Maltesi d'Oggi*, Roma: Angelo Signorelli, 1932, 112.

38 *Ibid.*, 112.

39 KARMENU VASSALLO, '*Vatum Consortium' jew Il-Poeżija bil-Malti*, Il-Ħamrun: Dar ta' San Ġużepp, 1968, 553.

40 *Ibid.* Patri Pawl Gatt, Karmelitan, f'ittra lil Alfred Degabriele, li flimkien ma' P. Serafin Abela, O.Carm. kien qiegħed jaħdem fuq l-edizzjoni tal-poeżiji ta' Cuschieri, ukoll jagħti l-istess informazzjoni dwar il-poeżija bil-Latin ta' Cuschieri. Gatt jispeċifika li dawn il-poeżiji Cuschieri kien jiktibhom f'rivista maħruġa minn Bartoli u li tagħna nesa l-isem.: PAWLU GATT, *Ittra lil Alfred Degabriele* ( 1965), *pro manuscripto*. Ħajr lil Alfred Degabriele.



CamScanner

41 *Malta Letteraria* IV/34 (Febbraio 1907) 33.

42 Cuschieri, 'A. Cuschieri Alafrido Bartoli s.', in *Rosa Melitensis. De litteris et bonis artibus commentarius semel in mense prodit*, Valletta in Insula Melita I/I (Id. Dec. MCMVIII), II. F'paġna III insibu ittra oħra *De Lingua Latina* firmata P.A. li tista' tkun ta' Cuschieri. Hemm kitbiet oħra firmati A.C. li ma nistgħux inkunu ċerti li huma ta' Cuschieri għax jistgħu jkunu ta' Aemilius Chiarini.

43 L-ismijiet kienu jitniżżlu fl-ewwel faċċata u fil-frontispizju taħt dan it-titlu: *Operam suam polliciti sunt.* L-ismijiet huma: Antonius Boselli, Michael Cassar, Aemilius Chiarini, Anastasius Cuschieri, Aloisius Farrugia, Antonius Giovannini, W. Lommatzsch, Vincentius Laurenza, Joseph Manni, Franciscus Tranquilinus Moltedo, Stephanus Pace, Joannes Pascoli, Felix Ramorino, Antonius Sammut, Franciscus Maria Sceberras, Victorius Tortoli.

44 'Anastasio Cuschieri philosophiae tradendae doctori in athenaeo melitensi sacrum', f' A. Bartoli, *Sophronia. Carmen Alefridi Bartoli melitensis civis pistoriensis et grossetani in certamine poetico hoeufftiano magna laude ornatum*, Amstelodami: Apud Io. Mullerum, MCMXV.

45 Aquilina, *Studji Kritiċi Letterarji* (1949), 24.

46 Imnaqqxa fl-irħam u mqegħda fuq il-bieb tas-Santwarju f'Lulju 1931 għall-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq il-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt Valletta.: 'Il cinquantesimo dell'incoronazione della B.V. del Carmine nel Santuario Basilica di Valletta', in *Il Monte Carmelo* XVII/8 (Agosto 1931) 178-185.

47 Bla data u bla firma jew *nom-de-plume*. Tagħmel parti mill-manuskritt tal-*Magnae Dei Matri*. Aktarx li l-istrofi ta' dawn il-versi kienu jagħmlu parti mit-tiżjin għal għeluq il-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari tal-Madonna tal-Karmnu fil-Bażilika tal-Karmnu l-Belt Valletta. L-inkoronazzjoni kienet saret nhar il-15 ta' Lulju 1881.

48 Zammit, *Cuschieri. Ħajtu u l-Poeżija Tiegħu bil-Malti*, 1974, 39. Zammit tgħid li l-poeżija tinsab għand is-

Sur Degabriele. Però ma jirriżultax li dan tal-aħħar jaf biha. Kopja ġiet mitbugħa f'artiklu fuq *Leben is-Sewwa* minn Joseph Mangion taħt in-*nom-de-plume* 'Scrutator'. Ara: SCRUTATOR, 'Cuschieri: Egħluq l-Għoxrin Sena minn Mewtu. Il-Mit Marjan ta' Cuschieri', f' *Leben is-Sewwa* (02.08.1982).

49 Din hija traduzzjoni tal-poeżija bil-Malti *Il-Peprina* ta' Mons. Gauci ippubblikata f'*Santa Rita* (Novembru 1935). Taħt it-traduzzjoni hemm din in-nota: "Nel mese di novembre abbiamo publicato in questo periodico una poesia in vernacolo di Mons. Gauci dal titolo *Il-Pepprina* in omaggio ai morti della grande guerra, cadendo il giorno di quel mese l'armistizio che si commemora coi papaveri. Un nostro lettore assiduo, appena lette quei versi ne fece la traduzione in italiano, la quale è così ben fatta, che siamo certi tornerà assai gradita ai nostri lettori e perciò la riportiamo con caro piacere. Lo scrittore si nasconde, per modestia, sotto il pseudonimo, ma si scopre subito fin dalla prima strofa per quelli che conoscono la sua valentia, come porta tanto in vernacolo, in italiano."

50 Isemmiha Tencajoli. Mhux misjuba.

51 *Ibid*. Mhux misjuba.

52 Innu miktub *all'Istituto maltese di educazione cattolica* jmwaqqaf fl-1839 minn P. Massimiliano Ryllo, SJ fil-knisja ta' San Ġakbu l-Belt Valletta. L-innu kien jindaqq fuq il-mużika tal-Mro G. Caruana. Misjub f'*I.M.E.C. Istitut Malti ta' Edukazzjoni Kattolika. Programm tal-Gara Katekistika* (2 ta' Ġunju 1959). F'*Il-Ħabib* (9 ta' Jannar 1917) hemm referenza għal innu "ħelu tassew" immużikat mis-surmast G. Caruana li Cuschieri kiteb fl-okkażjoni tal-ewwel anniversarju mit-twaqqif tal-fergħa tal-ġuvintur taċ-*Circolo Unione Cattolica*. Ara wkoll ZAMMIT, *Cuschieri*, 37.

53 Dan l-innu, Cuschieri kitbu għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu u jindaqq fuq il-mużika tal-Mro. Cardenio Botti li kien surmast tas-*Società Filarmonica Nazionale La Valette* mill-1923-1935.

54 Joseph Mangion huwa tal-fehma li din il-poeżija, bla isem, hija tal-1913 fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija. Dik is-sena Cuschieri bata bil-wisq it-telfa ta' ommu Andreanna: *Leben is-Sewwa* 1982. Ara

wkoll l-aħbar tal-mewt f'*Il-Ħabib* (15 ta' Lulju 1913) 4.

55 Attribwita. Iffirmata *Devot tal-Karmelu.*

56 Bla isem. Hawnhekk, u għal kull poeżija li ma ġġibx isem imxejna mal-isem li ngħatalha fl-edizzjoni tal-1976.

57 Attribwita. Iffirmata *Devot tal-Karmelu.*

58 F'*Il-Ħabbar ta' Sant'Antnin*, dawn iż-żewġ poeżiji ġew ippubblikati f'Ottubru 1932 u f'Ottubru 1933 bin-*nom-de-plume Terzjarju Franġiskan Mġarr-Malta 16 ta' April 1916*. Tgħid kien Cuschieri li ppublikahom? Fl-*Anġlu tal-Paċi* (Jannar 1934) 13-15, hemm diversi artikli fir-rubrika *Dija ta' Kwiekeb* iffirmati *Terzjarju Franġiskan*. It-titlu ta' din ir-rubrika jfakkarna fil-kwiekeb (***) li kien jiffirma kważi dejjem bihom Cuschieri. Mill-ħarġa ta' April 1934, f'din ir-rubrika bdew jidhru artikli ta' ċertu wieħed Giuseppi Maria Stivala mill-Imġarr, li kien jippublika wkoll regolarment xi poeżiji dejjem iffirmati b'ismu. U hawn nistaqsu huwiex il-każ li Stivala ppublika poeżiji ta' Cuschieri taħt il-psewdonimu *Terzjarju Franġiskan*, bħalma għamel f'*Il-Ħabbar ta' Sant'Antnin.* Jew kien Cuschieri nnifsu li ppublika dawn il-poeżiji? B'dan il-psewdonimu nsibu tliet poeżiji *Lil Marija Assunta f'jum il-festa tagħha* (Awwissu1933), *Il-Mewt u l-Midneb* (Novembru 1933), u *Lampa Ħabiba* (Novembru 1933) ippubblikati f'*Anġlu tal-Paċi*. Il-poeżija *Lil Marija Assunta f'jum il-festa tagħha* ġġib id-data tas-16 ta' Lulju 1933 nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu! Qegħdin ninkludu f'din il-lista dawn it-tliet poeżiji *Lil Marija Assunta f'jum il-festa tagħha* (Awissu1933), *Il-Mewt u l Midneb* (Novembru 1933), u *Lampa Ħabiba* (Novembru 1933) ippublikati f'*Anġlu tal-Paċi* taħt in-*nom-de-plume Terzjarju Franġiskan.* Għalkemm għandna dubji serji humiex ta' Cuschieri jew le, għalissa ma nistgħux neskludu Stivala fettillux jagħmel l-istess bħalma għamel bil-poeżiji l-oħra ta' Cuschieri.

59 Bla isem.

60 Attribwita. Bla *nom-de-plume* jew firma.

61 Din il-poeżija ffirmata bin-*nom-de-plume Beati qui lugent*, Henjin dawk li jibku, iġġgħelna naħsbu li hija ta' Cuschieri kemm minħabba l-istil u kemm minħabba li fl-istess żmien għandna ħjiel dwar il-ħbiberija ta' Cuschieri mal-Karmelitan Olandiż P. Hubertus Driessen li kien kumpann tiegħu f'Ruma waqt l-istudju tal-Filosofija u li iktar tard sar Prokuratur Ġenerali tal-Ordni Karmelitan. Mill-ittri privati ta' Cuschieri misjuba fl-arkivju tal-Karmelitani f'Boxmeer l-Olanda, nafu li Cuschieri żamm korrispondenza ma' Driessen mill-1903 sal-1914. S'issa ma għandniex ħjiel tal-ittri li Driessen seta' kiteb lil Cuschieri bi tweġiba għall-ittri li kien jiktiblu Cuschieri. Il-kliem użat f'din il-poeżija bħal donnu traduzzjoni kelma b'kelma ta' espressjonijiet u sentimenti muġugħa li jinstabu fl-ittri ta' Cuschieri lil Driessen. Mir-ritratti meħudin waqt l-istudji f'Ruma kif ukoll mill-ittri mibgħuta Boxmeer, jidher li din il-ħbiberija kienet tassew qawwija u intima talanqas min-naħa ta' Cuschieri. Aktarx li Driessen, bired f'din il-ħbiberija wara li kemm hu u Cuschieri reġgħu lura lejn pajjiżhom wara l-istudji. Cuschieri u Driessen spiċċaw id-Dottorat flimkien għax fl-1901 it-tnejn li huma ngħataw il-Kattedra tal-Filosofija, wieħed fl-Università ta' Malta u l-ieħor f'Boxmeer l-Olanda. Dr Hubertus Driessen kiseb id-Dottorat fil-Filosofija u Liċenza fid-Dritt Kanoniku mill-Università Gregorjana u kien Reġġent tal-Istudji fil-Provinċja Olandiża. Kien bis-saħħa tiegħu u ta' Cuschieri li l-Beatu Karmelitan, P. Titu Brandsma, filosfu u martri tan-Naziżmu tħalla jkompli l-istudji Ruma. Aktar tard Driessen ġie magħżul bħala Prokuratur Ġenerali tal-Ordni. Mill-ittri jidher li din il-pożizzjoni għolja ċediha Cuschieri għal ħabibu tal-qalb b'sens ta' ħbiberija u stima. Fil-bijografija tal-Beatu Titu Brandsma, Joseph Rees kiteb hekk dwar Driessen: "Dr Driessen was a jovial down-to-earth man, with an abrupt manner, a business-like approach and occasionally explosive temperament. But his laughter was as ready as his temper and he was always quick to see the point." [JOSEPH REES, *Titus Brandsma. A Modern Martyr*, London 1971, 28-29]. Waqt li Cuschieri kien karattru introvert u sensittiv, Driessen kien bil-maqlub. Dawn id-differenzi karatterjali setgħu influwenzaw il-bidu ta' relazzjoni ta' ħbiberija bejn it-tnejn. Eżempju ta' dan huwa



CS CamScanner

l-fatt – li ħareġ dan l-aħħar mir-riċerka u mill-ittri personali – li Driessen ried jikteb ktieb dwar il-filosofija ta' Schopenhauer u Cuschieri bagħatlu l-kotba kollha tiegħu dwar dan il-filosfu. Driessen kien wegħdu li l-ktieb se jiddedikah lilu jekk jibgħatlu l-materjal, ħaġa li fil-fatt ma għamilx. Kuntrast ieħor huwa li ironikament Cuschieri kien Professur b'komunikattiva mill-aqwa waqt li Driessen kien ibati biex jikkomunika t-tagħlim, hekk li mhux darba u tnejn il-Beatu Titu Brandsma kien jidħol medjatur bejnu u bejn sħabu l-istudenti. Waqt li għal Cuschieri din il-ħbiberija kienet tfisser ħafna, u kien ifittex li jibqa' f'kuntatt fiżiku u wkoll permezz tal-ittri ma' Driessen, ma tantx jidher li dan tal-aħħar kien jinteressah u aktarx kien qed jgħaddih berlina jidher li l-ħbiberija ntemmet ħesrem fl-1914. Mill-ittri jidher li ġa qabel l-1914 Cuschieri kien bħal donnu qed iħoss li Driessen qisu tfantas u ma kienx qed jirreċiproka l-ħbiberija. Il-poeżija ġġib magħha din in-nota tal-awtur: "Din il-poeżija – jekk tista' tissejjaħ hekk – sibtha fost il-karti tiegħi ta' żmien ilu, u għalhekk ridt bħala tifkira nġibha fil-Ħabib, billi tfakkarni fil-ġrajja mgħoddija u mill-banda l-oħra hi l-frott tal-ewwel darba li tħarriġt nikteb xi *versi*. Għalhekk imur żmerċ min irid isib fihom il-perfezzjoni. Għidt inġibha fil-Ħabib, niftehmu sewwa, jekk irid hekk il-Mons. Direttur tal-folju, li lilu noffriha bħala sinjal tal-qima kbira li għandi lejh. Jaħfirli jekk ġarrabt – bla ma ridt – intabbagħlu ismu bl-*injuranza* tiegħi."

62 Dan l-innu jitkanta fuq il-mużika tal-innu ewkaristiku li Dun Karm kiteb bit-Taljan "T'adoriam Ostia divina".

63 Dubjuża. Iffirmata *Terzjarju Franġiskan mill-Imġarr.*

64 Dubjuża. Iffirmata *Terzjarju Franġiskan mill-Imġarr.*

65 Dubjuża. Iffirmata *Terzjarju Franġiskan mill-Imġarr.*

66 Attribwita fuq kriterji stilistiċi u fuq qbil mal-istess vokabularju u sentimenti mfissra fil-poeżija: *Lill-Beata Tereża tal-Bambin Ġesù.* Ara nota 58. Il-poeżija hija ffirmata bin-*nom-de plume* STELLA.

67 Attribwita. Bla *nom-de-plume* jew firma.

68 Attribwita. Bla *nom-de-plume* jew firma.

69 Imsemmija f'paġna 61 tat-teżi ta' Denise Zammit. Mitlufa.

70 Attribwita. Bla *nom-de-plume* jew firma. Il-manuskritt ta' din il-poeżija, miktuba fil-Milied tal-1950 b'versi endekasillabi, nstabet fl-*Arkivju tal-Provinċja Karmelitana Maltija* fuq karta ttajpjata fil-file b'affarijiet marbuta ma' Cuschieri u miġbura fl-1971, mis-Segretarju Provinċjali P. Anthony Cilia, O.Carm., mingħand diversi patrijiet li kienu jafu personalment lil Cuschieri, fosthom P. Pawl Gatt, O.Carm. Skont it-tradizzjoni orali, din hija xogħol ta' Cuschieri. L-element ta' niket flimkien ma' nostalġija għal dinja idillika u elementi patrijottiċi kif ukoll soċjali, ikomplu jsaħħu l-attribuzzjoni lil Cuschieri. Tinħass ċerta maturità kemm fil-ħsieb kif ukoll fil-prosodija li jindikaw li l-awtur huwa misjur mill-esperjenza tal-ħajja. F'dan il-kuntest ta' min jinnota li l-poeżija twarrab sentimenti ta ferħ li jgħaddi u jintemm waqt li tiffoka fuq l-essenzjal tas-sejħa saċerdotali. L-awtur għaldaqstant bħal donnu xi ħadd li diġà' mexa l-istess t-triq u allura mill-esperjenza tiegħu jista' juri fejn għandu jitfa' l-passi tiegħu dan is-saċerdot novell li talbu jiktiblu "għanjiet l-ewwel Quddiesa". Sentimenti simili insibuhom ukoll fl-omelija għall-ewwel quddiesa solenni tal-qassis Goffredo Lubrano. Cuschieri fl-1950 kellu 74 sena. Fil-provinċja kienet drawwa komuni li għal okkażjonijiet bħal dawn kienu jinkitbu xi versi b'dedika. B'turija ta' rispett lejn il-persuna ta' Cuschieri, ħafna kienu jitolbuh jikteb xi versi bil-Latin għas-santi li jitqassmu b'tifkira. F'dan il-każ P. Abela jidher li talab poeżija.

71 Attribwita. Bla *nom-de-plume* jew firma.

72 Possibilment 1915 għax f'dik is-sena kiteb varjazzjoni tagħha.

73 Verżjoni Maltija tal-innu *Si levi a Maria* li kitbu fl-1905.

74 Bla isem.

75 Bla isem.

76 Bla isem. Skont l-edizzjoni tal-1976 din il-poeżija tagħmel parti minn ta' qabilha li Cuschieri ma temmx.



CamScanner

Ma jidhrilniex li dan huwa minnu l-ewwel nett għax iż-żewġ poeżiji jinħassu kompluti, imbagħad, filwaqt li hemm xebħ tematiku, l-ewwel waħda tiffoka fuq il-persuna ta' Marija u s-Santwarju ddedikat lilha, waqt li ta wrajha tiffoka fuq il-Labtu tal-Karmnu.

77 Jista' jagħti l-każ li din il-poeżija nkitbet għall-beatifikazzjoni ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li saret nhar it-23 ta' April 1923. Fl-okkażjoni tal-kanonizzazjoni ta' Santa Tereża, għall-festi li kienu saru fil-Karmnu tal-Imdina bejn is-16 u t-18 ta' April 1926 Cuschieri kiteb din l-iskrizzjoni li twaħħlet fuq il-bieb tal-Knisja: "Triduane onoranze a Santa Teresa del Bambino Gesù per celebrare la sua solenne canonizzazione e perchè Ella sparga su questa Città più abbondanti le Rose che già promise alla terra i Carmelitani di questo cenobio devoti e grati alla Consorella gloriosa tributano.": *Il Monte Carmelo. Periodico mensile dei Carmelitani* XII/VI (Giugno 1926) 190.

78 Poeżija malinkonika u qawwija lil ħabibu Ġinu Muscat-Azzopardi li fiha hu jxebbhu ma' "Kajjin qalb is-siġar", iben Ġużè Muscat-Azzopardi, li fiha l-poeta jesprimi l-uġigħ tal-qalb għal xi azzjoni li rċieva mingħand Ġino u li jiddeskriviha b'dan il-kliem: "int li kont tafni, għollejt ftit rasek u ħarist madwarek. Ħadd! Ebda ruħ! U waddabtha, waddabtha, Ġin, dik il-ġebla kiefra li minn idek ħarġet bħal kieku minn ġo vleġġa, tvenven. B'idi fuq qalbi, fl-art inxtħett ngħajjat. 'Mma għalxejn kull għajta li ħarġet minn qalbi bdiet tidwi tidwi minn għolja għal għolja". Forsi din il-poeżija tinftiehem xi ftit aktar fid-dawl ta' żewġ kitbiet oħra dwar il-ħbiberija li jinħassu ħerġin mill-qalb imġarrba ta' Cuschieri. F'Ottubru tal-1920, Cuschieri jġib dan il-ħsieb fir-rubrika "Fronde sparse" tar-rivista *Il Monte Carmelo* dawn il-kelmiet li bħal donnhom eku ta' din il-poeżija: "Le ferite che riceviamo dagli amici sono fra tutte le più terribili. I nemici non conoscono sempre le vie del cuore, e però molte volte non danno nel segno; ma gli amici, oh! Essi lo sanno dove abbiamo il cuore; conoscono la parte più vulnerabile; sanno dove mirare, essi che tante volte vi posarono sopra il capo per sentirlo battere.": *Il Monte Carmelo* VI/11 (Novembre

1920) 298. F'Mejju tal-1921, fl-istess rivista jikteb: "Amicizia è amore che dai fioriti giardini della terra s'innalza a volo negli spazi del cielo; è amore che non teme il dileguarsi di fallaci illusioni, nè le vicende del tempo che tutto tramuta, nè la pace misteriosa della tomba o il triste silenzio dell'oblio. Voi tutti, a cui le cure, le afflizioni terrene strappano gemiti e sospiri, volgetevi attorno. Altri cuori palpitano col vostro e bramano dargli conforto! Amicizia, soave vincolo delle anime, stringe in amoroso amplesso chi riveste la candida stola dell'innocenza e chi soffre perchè ha peccato; chi pregando sorride e chi piangendo prega; chi ama gli angeli come compagni e chi li invoca come consolatori; chi aspetta Dio negli splendori della gloria e chi lo contempla morente sulla nuda Croce... Amicizia unisce due cuori in un sol palpito d'amore, e loro presta le ali per innalzarsi a Dio!": *Il Monte Carmelo* VII/5 (Maggio 1921) 113. Skont is-Sur A. Degabriele, Ġino Muscat-Azzopardi, bħala ħabib tal-qalb ta' Cuschieri, kien qallu personalment li kien jaf kemm Cuschieri kien tassew ibati bil-biża', darba approfitta minn din id-dgħufija, stennieh miexi jgħaġġel fid-dlam, u tassew tefagħlu ġebla biex jaħsdu. Il-poeżija turi kemm kienet profonda l-biża' ta' Cuschieri u kemm kien ta' qalb sensibbli biex wasal li jikteb poeżija li, jekk ma tkunx taf il-ġrajja, tagħtik x'tifhem li kien hemm xi kwistjoni kbira u ta' diżgwid bejniethom.

79 Bla isem.

80 Bla isem.

81 Bla isem.

82 Bla isem.



CamScanner